# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/388

## tas-17 ta' Marzu 2016

## li jimponi dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' tubi u pajpijiet ta' ħadid fondut duttili (magħruf ukoll bħala grafit ta' ħadid fondut sferojdali), li joriġinaw mill-Indja

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4) tiegħu,

Billi:

### 1. **PROĊEDURA**

#### 1.1. **Miżuri proviżorji**

(1) Fit-18 ta' Settembru 2015, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") imponiet dazju antidumping proviżorju fuq l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' tubi u pajpijiet ta' ħadid fondut duttili (magħrufa ukoll bħala grafit ta' ħadid fondut sferojdali), li joriġinaw mill-Indja ("il-pajjiż ikkonċernat") bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1559 ([2]) ("ir-Regolamet proviżorju").

(2) L-investigazzjoni bdiet fl-20 ta' Diċembru 2014 ([3]) wara lment ippreżentat fl-10 ta' Novembru 2014 minn Saint-Gobain PAM Group, ("l-ilmentatur") f'isem produtturi li jirrappreżentaw aktar minn 25 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni tat-tubi u pajpijiet tal-ħadid fondut duttili.

(3) Kif jintqal fil-premessa (14) tar-Regolament proviżorju, l-investigazzjoni ta' dumping u dannu kopriet il-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2013 sat-30 ta' Settembru 2014 ("il-perjodu tal-investigazzjoni" jew il-"PI"). L-eżami tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tad-danni kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2011 sa tmiem il-perjodu tal-investigazzjoni ("il-perjodu kunsidrat").

(4) Fil-11 ta' Marzu 2015, il-Kummissjoni bdiet investigazzjoni antisussidji fir-rigward tal-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' tubi u pajpijiet ta' ħadid fondut duttili li joriġina mill-Indja. Hija ppubblikat Notifika ta' Bidu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([4]). Il-konklużjonijiet definittivi tal-investigazzjoni huma soġġetti għal Regolament separat ("ir-Regolament antisussidji") ([5]).

#### 1.2. **Proċedura sussegwenti**

(5) Wara d-divulgazzjoni tal-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali, li abbażi tagħhom ġie impost dazju antidumping proviżorju ("id-divulgazzjoni proviżorja"), għadd ta' partijiet interessati ressqu preżentazzjonijiet bil-miktub biex jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar il-konklużjonijiet proviżorji. Barra minn hekk produttur Indjan ieħor Tata Metaliks DI Pipes Limited ("Tata") ippreżenta lilu nnifsu u pprovda kummenti. Il-partijiet li talbu li jinstemgħu ngħataw din l-opportunità.

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.
([2]) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1559 tat-18 ta' Settembru 2015 li jimponi dazju antidumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' tubi u pajpijiet ta' ħadid fondut duttili (magħruf ukoll bħala grafit ta' ħadid fondut sferojdali), li joriġina mill-Indja (ĠU L 244, 19.9.2015, p. 25).
([3]) Notifika ta' Bidu ta' proċediment antidumping dwar l-importazzjonijiet ta' tubi u pajpijiet ta' ħadid fondut duttili (magħruf ukoll bħala grafit ta' ħadid fondut sferojdali), li joriġina mill-Indja (ĠU C 461, 20.12.2014, p. 35).
([4]) Notifika ta' bidu ta' proċediment antisussidji li jikkonċerna l-importazzjonijiet ta' tubi u pajpijiet ta' ħadid fondut duttili (magħrufa ukoll bħala grafit ta' ħadid fondut sferojdali), li joriġinaw mill-Indja (ĠU C 83, 11.3.2015, p. 4).
([5]) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/387 tas-17 ta' Marzu 2016 li jimponi dazju kompensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' tubi u pajpijiet tal-ħadid fondut duttili (magħruf ukoll bħala grafit ta' ħadid fondut sferojdali), li joriġinaw mill-Indja (Ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

(6) Il-Kummissjoni kompliet tfittex u tivverifika l-informazzjoni kollha li dehrilha li kienet meħtieġa għall-konklużjonijiet definittivi tagħha. Il-Kummissjoni vverifikat fuq il-post l-informazzjoni addizzjonali li pprovdiet kumpanija relatata, ibbażata fl-Italja, ta' wieħed mill-produtturi esportaturi li kkooperaw.

(7) Jindal Saw Limited ("Jindal") talbet l-intervent tal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċedimenti kummerċjali ("l-Uffiċjal tas-Seduta") dwar ċerti aspetti tal-kalkoli provviżorji tad-dannu. L-Uffiċjal tas-Seduta eżamina t-talba u wieġeb lill-produttur esportatur direttament bil-miktub.

(8) Sussegwentement, il-Kummissjoni infurmat lill-partijiet kollha bil-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom kien beħsiebha timponi dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' tubi u pajpijiet ta' ħadid fondut duttili li joriġinaw mill-Indja u tiġbor b'mod definittiv l-ammonti garantiti permezz ta' dazju proviżorju (id-divulgazzjoni definittiva). Il-partijiet kollha ngħataw perjodu li fih setgħu jikkummentaw dwar id-divulgazzjoni finali.

(9) Fit-28 ta' Jannar 2016 saret seduta ta' smigħ mal-Uffiċjal tas-Seduta fuq talba ta' Electrosteel Castings Limited ("ECL").

(10) Fejn xieraq il-kummenti ppreżentati mill-partijiet interessati ġew ikkunsidrati u tqiesu.

### 1.3. **Il-prodott ikkonċernat u l-prodott simili**

(11) Kif stipulat fil-premessi (15) u (16) tar-Regolament proviżorju l-prodott ikkonċernat kien definit b'mod proviżorju bħala tubi u pajpijiet ta' ħadid fondut duttili (magħruf ukoll bħala grafit ta' ħadid fondut sferojdali) ("pajpijiet duttili") li joriġina mill-Indja, li attwalment jaqa' taħt il-kodiċijiet NM ex 7303 00 10 u ex 7303 00 90.

(12) Il-pajpijiet duttili jintużaw għall-provvista tal-ilma tax-xorb, ir-rimi ta' drenaġġ u t-tisqija ta' art agrikola. It-trasport tal-ilma permezz ta' pajpijiet duttili jista' jsir permezz tal-pressa jew tal-gravità biss. Il-pajpijiet ivarjaw bejn 60 mm u 2 000 mm u huma twal 5,5, 6, 7 jew 8 metri. Dawn normalment ikunu miksija b'siment jew materjali oħra u min-naħa ta' barra jkunu miksija biż-żingu, miżbugħa jew miksija bit-tejp. L-utenti finali ewlenin huma l-kumpaniji tal-utilitajiet pubbliċi.

(13) Jindal u l-Gvern tal-Indja ("GtI") affermaw li l-pajpijiet duttili, li mhumiex miksija, la minn ġewwa u lanqas minn barra ("pajpijiet mhux miksijin"), għandhom ikunu esklużi mill-prodott ikkonċernat fuq il-bażi li dawn it-tubi u pajpijiet huma prodotti nofshom lesti b'karatteristiċi fiżiċi, tekniċi u kimiċi differenti u ma jistgħux jintużaw għall-ġarr tal-ilma mingħajr ma jiġu pproċessati aktar. Il-pajpijiet mhux miksijin mhumiex interkambjabbli mal-prodott ikkonċernat u għandhom użu aħħari differenti.

(14) L-ilmentatur ikkontesta din l-affermazzjoni u argumenta li l-pajpijiet duttili kollha, sew jekk miksija sew jekk le, jikkondividu l-istess karatteristiċi fiżiċi, tekniċi u kimiċi bażiċi u għandhom l-istess użu aħħari. L-ilmentatur kompla jargumenta li l-operazzjonijiet ta' kisi intern u estern huma kkunsidrati bħala operazzjonijiet ta' finitura, li jirrappreżentaw biss sa 20 % tal-kost totali tal-produzzjoni tal-pajpijiet duttili, u ma jbiddilx il-karatteristiċi bażiċi ta' pajp duttili. L-ilmentatur kompla jisħaq li l-pajpijiet mhux miksijin bħala tali ma għandhom l-ebda funzjoni/suq aħħari jew użu effettiv, minbarra li jwasslu l-ilma u d-drenaġġ, u ma jinbigħux fis-suq tal-Unjoni iżda jridu ta' bilfors jinksew qabel ma jitqiegħdu fuq is-suq u biex jikkonformaw mal-istandards tal-UE. Barra minn hekk, il-pajpijiet mhux miksijin tal-ħadid fondut duttili jaqgħu taħt l-istess kodiċi doganali bħall-pajpijiet miksijin u l-esklużjoni tagħhom tista' għalhekk twassal għal ċirkomvenzjoni ta' xi miżuri antidumping u jheddu l-effettività ta' dawn il-miżuri minħabba kapaċità sinifikanti tal-esportaturi Indjani li jagħmlu l-kisi fl-Unjoni (madwar 80 000 tunnellata fis-sena). F'dan ir-rigward, l-ilmentatur sostna wkoll li l-importazzjonijiet Indjani ta' pajpijiet mhux miksijin żdiedu b'mod sinifikanti mill-2013 'l hawn u li dawn l-importazzjonijiet kienu kważi tliet darbiet ogħla fl-2015 milli kienu fl-2013. Din ix-xejra hija mistennija li tkompli fl-opinjoni tal-ilmentatur.

(15) L-investigazzjoni wriet li l-pajpijiet mhux miksijin ma għandhom l-ebda funzjoni jew użu effettiv fis-suq u ma jinbigħux bħala tali fis-suq tal-Unjoni. Dawn il-pajpijiet ikollhom ta' bilfors jiġu pproċessati aktar, jiġifieri jinksew minn barra u minn ġewwa, qabel isiru negozjabbli u jissodisfaw l-istandards tal-UE għat-twassil tal-ilma u d-drenaġġ. Filwaqt li l-konformità mal-istandards tal-UE mhijiex neċessarjament fattur deċiżiv sabiex jiġi ddeterminat l-iskop tal-prodott, il-fatt li jkollu jsir ipproċessar addizzjonali fuq pajp mhux miksi qabel ma jkun jista' jsir l-użu aħħari maħsub tiegħu, huwa fattur li ma jistax ma jitqiesx meta jiġi analizzat jekk pajp mhux miksi huwiex prodott finali jew biss prodott nofsu lest. Il-Kummissjoni għaldaqstant tqis li l-pajpijiet ta' ħadid fondut duttili mhux miksijin għandhom jitqiesu bħala l-pajpijiet duttili nofshom lesti.

(16) Prodotti nofshom lesti u prodotti lesti jistgħu madankollu jitqiesu li huma l-istess prodott jekk (i) jikkondividu l-istess karatteristiċi essenzjali u, (ii) l-ispejjeż addizzjonali tal-ipproċessar ma jkunux sostanzjali ([6]). Mhuwiex qed jiġi ikkontestat li l-kisi intern u estern jagħti lill-pajpijiet mhux miksijin karatteristika fisika li tagħti lil dawn il-pajpijiet karatteristika essenzjali u bażika meħtieġa għall-użu essenzjali tagħhom fis-suq tal-Unjoni, jiġifieri l-ġarr tal-ilma u d-drenaġġ skont l-istandards tal-UE. Barra minn hekk, mhuwiex ikkontestat li l-ispiża għaż-żieda tal-kisi intern u estern ta' pajp mhux miksi normalment tammonta sa 20 % tal-ispejjeż totali tal-produzzjoni ta' pajp duttili. Għaldaqstant, l-ipproċessar addizzjonali jrid jitqies li huwa sostanzjali.

(17) Minn dan isegwi li t-tubi u l-pajpijiet mhux miksijin nofshom lesti ta' ħadid fondut duttili ma jistgħux jitqiesu bħala li huma l-istess prodott bħall-pajpijiet duttili lesti (miksijin minn ġewwa u minn barra) u għalhekk għandhom jiġu esklużi mill-prodott ikkonċernat.

(18) Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma rriżultalhiex li hemm riskju konsiderevoli ta' ċirkomvenzjoni jekk il-pajpijiet mhux miksijin jiġu esklużi mill-ambitu tal-prodott. Il-pajpijiet mhux miksijin jiġu importati biss minn kumpanija relatata waħda ma' Jindal, li għall-kontrarju tal-argument tal-ilmentatur, għandha kapaċità ta' kisi limitata fl-Unjoni. Skont id-dejta vverifikata tal-Kummissjoni l-kapaċità attwali hija ta' madwar 15 000 tunnellata fis-sena. Barra minn hekk, għalkemm l-importazzjonijiet tal-pajpijiet mhux miksijin mill-Indja jidhru li qed jiżdiedu wara l-perjodu ta' investigazzjoni, il-volumi għadhom limitati (inqas minn 10 000 tunnellata fl-2015) skont informazzjoni mingħand l-ilmentatur. Minħabba l-kapaċità ta' kisi limitata tal-kumpanija relatata fl-Unjoni u fil-pjan ta' direzzjoni tan-negozju attwali tagħha għas-snin li ġejjin fir-rigward tal-pajpijiet mhux miksijin, bejn 15 000 tunnellata –21 000 tunnellata sal-2017, huwa improbabbli li dan is-sit ta' produzzjoni jinbidel f'punt ta' dħul għal influss massiv ta' pajpijiet mhux miksijin bl-uniku għan li jinksew sabiex jiġu evitati d-dazji fuq il-pajpijiet lesti fl-Unjoni, li potenzjalment tista' tqajjem kwistjoni skont l-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku.

(19) Wara d-divulgazzjoni proviżorja Jindal talbet li l-pajpijiet ta' ħadid fondut duttili bil-flanġ għandhom jiġu esklużi mill-ambitu tal-prodott. Hija reġgħet għamlet it-talba wara d-divulgazzjoni definittiva.

(20) Kuntrarjament għall-pajpijiet mhux miksijin, il-pajpijiet bil-flanġ huma pajpijiet ta' ħadid fondut duttili pproċessati fl-aħħar b'kisi minn ġewwa u minn barra. Il-pajpijiet bil-flanġ huma għalhekk adattati għat-twassil tal-ilma u d-drenaġġ mingħajr iktar ipproċessar. Essenzjalment, dawn jinqatgħu skont it-tul minn pajpijiet tal-ħadid duttili ta' tul sħiħ u jitwaħħluhom flanġi biex jintrabtu b'boltijiet u skorfini filwaqt li pajpijiet tal-ħadid duttili oħra jintrabtu b'sokit. L-ispejjeż tal-ipproċessar għal qtugħ fit-tul u ż-żieda tal-flanġi ma jistgħux jitqiesu li jibdlu l-karatteristiċi bażiċi ta' pajp tal-ħadid duttili, li huwa t-twassil tal-ilma u d-drenaġġ jew li jwasslu għal spejjeż tal-ipproċessar sostantivi. Għalhekk, għalkemm huwa meħtieġ xi proċessar addizzjonali għall-manifattura tal-pajpijiet bil-flanġ minn pajpijiet tal-ħadid duttili, il-Kummissjoni tqishom li jifformaw prodott wieħed u t-talba għall-esklużjoni hija miċħuda.

(21) Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-prodott ikkonċernat huwa definittivament iddefinit bħala tubi u pajpijiet ta' ħadid fondut duttili (magħruf ukoll bħala grafit ta' ħadid fondut sferojdali) ("pajpijiet duttili"), bl-esklużjoni tal-pajpijiet duttili mingħajr kisi minn ġewwa u minn barra ("pajpijiet mhux miksijin") li joriġinaw mill-Indja, li attwalment jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM ex 7303 00 10 u ex 7303 00 90.

(22) L-investigazzjoni wriet li l-prodott ikkonċernat, kif definit hawn fuq, immanifatturat u mibjugħ fl-Indja kif ukoll il-prodott immanifatturat u mibjugħ fl-Unjoni, għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi u għalhekk huma prodotti simili skont it-tifsira tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

## 2. **DUMPING**

### 2.1. **Valur normali**

(23) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, l-ECL sostniet li ċerti spejjeż rappurtat fil-bejgħ, ġenerali u amministrattivi (SG&A) għall-bejgħ domestiku kienu diġà ġew rapportati bħala spejjeż tal-manifattura u għalhekk irriżultaw f'għadd doppju, u li għaldaqstant dawn l-ispejjeż għandhom jiġu kkoreġuti. Barra minn hekk, hija talbet il-korrezzjoni ta' ċerti spejjeż meqjusa għall-kostruzzjoni tal-valur normali u t-tnaqqis ta' ċerti konċessjonijiet meta jiġi kkalkulat il-valur normali. Abbażi tal-evidenza vverifikata li għandha għad-dispożizzjoni tagħha, il-Kummissjoni aċċettat li ċerti spejjeż kienu rrappurtati darbtejn u kkoreġiet dan billi naqqsithom mill-ispejjeż SG&A. Il-Kummissjoni għamlet ukoll korrezzjonijiet għal ċerti spejjeż u konċessjonijiet għall-kalkolu tal-valur normali, fejn meħtieġ.

([6]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1784/2000 tal-11 ta' Awwissu 2000 li jimponi dazju definittiv kontra d-dumping u li jiġbor definittivament id-dazju provisorju fuq l-importazzjoni ta' ċerti tubi jew aċċessorji għat-twaħħil ta' kanen tal-ħadid fondut malleabbli li joriġinaw mill-Brażil, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġappun, ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, ir-Repubblika tal-Korea u t-Tajlandja (ĠU L 208, 18.8.2000, p. 10).

(24) Wara d-divulgazzjoni definittiva, il-Kummissjoni stabbilixxiet li għall-istess produttur esportatur ċerti spejjeż relatati mal-prezz l-aktar spejjeż ta' finanzjament kienu tnaqqsu bi żball f'każijiet fejn il-valur normali ġie kkalkulat. Dan ġie kkoreġut u l-kumpanija kkonċernata ġiet infurmata b'dan.

(25) Iż-żewġ produtturi esportaturi affermaw li l-Kummissjoni kellha tnaqqas l-ispejjeż medji tal-kreditu meta ħadmet il-valur normali, u mhux teskludihom għal kollox, kif il-Kummissjoni għamlet fl-istadju proviżorju.

(26) Din l-affermazzjoni ġiet miċħuda minħabba li l-ispejjeż medji ta' kreditu jitqiesu rilevanti biss meta l-valur normali jiġi stabbilit fuq il-bażi tal-prezzijiet domestiċi, filwaqt li dawn huma irrilevanti meta l-valur normali jinħadem fuq il-bażi tal-ispiża tal-produzzjoni, kif kien il-każ għat-tipi ta' prodotti kkonċernati. Ir-raġuni għal dan hija li l-ispejjeż tal-kreditu mhumiex relatati mal-kost tal-produzzjoni, iżda huma normalment fattur li jitqies fid-determinazzjoni tal-prezzijiet.

(27) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, Jindal argumentat ukoll li għal bejgħ mhux rappreżentattiv [7] il-Kummissjoni ma għandhiex tuża l-marġni ta' profitt reali li nkiseb għal dak il-bejgħ peress li kien għoli wisq, iżda minflok il-marġni tal-profitt medju ponderat tal-kumpanija. Il-produttur esportatur tenna l-affermazzjoni tiegħu wara d-divulgazzjoni definittiva, iżda ma pprovdiex evidenza ġdida.

(28) Il-Kummissjoni ċaħdet din l-affermazzjoni peress li l-valur normali għal dan il-bejgħ mhux rappreżentattiv kien ibbażat fuq il-profitt reali li sar mill-produttur esportatur fuq dak il-bejgħ kif previst fl-Artikolu 2(6) tar-Regolament bażiku.

(29) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, l-istess produttur esportatur afferma wkoll li l-ispejjeż tat-trasport kellhom jitnaqqsu fl-aġġustamenti li saru biex inħadem il-valur normali. Madankollu dan sar għax il-Kummissjoni kienet diġà naqqset l-ispejjeż tat-trasport biex waslet għal livell tal-prezz mill-fabbrika meta ħadmet il-valur normali fl-istadju proviżorju.

(30) Wara d-divulgazzjoni definittiva, l-istess produttur esportatur argumenta li kien hemm żball klerikali u, b'riżultat ta' dan, l-ispejjeż tal-imballaġġ ma ġewx imnaqqsa fl-aġġustamenti li saru biex jinħadem il-valur normali. Instab li din l-affermazzjoni kienet ġustifikata u l-iżball ġie kkoreġut kif xieraq.

(31) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, l-industrija tal-Unjoni tenniet l-affermazzjoni tagħha li l-Kummissjoni għandha tagħmel aġġustament fil-valur normali biex tqis it-taxxa Indjana fuq l-esportazzjoni tal-minerali tal-ħadid. Il-Kummissjoni stabbiliet fl-investigazzjoni parallela antisussidji li l-prezzijiet tal-minerali tal-ħadid fl-Indja kienu distorti permezz ta' diversi restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni fl-Indja. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma hemmx għalfejn li din id-distorsjoni tiġi indirizzat aktar f'din l-investigazzjoni minħabba li dan iwassal għal għadd doppju tal-effetti tas-sussidju.

(32) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra, il-premessi minn (19) sa (32) tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati.

### 2.2. **Prezz tal-esportazzjoni**

(33) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, ECL sostniet li ċerti spejjeż irrappurtati fl-SG&A tal-kumpaniji relatati fl-Unjoni għall-bejgħ f'esportazzjoni kienu diġà ġew irrappurtati bħala spejjeż ta' wara l-importazzjoni, li rriżulta f'għadd doppju. Barra minn hekk, talbet il-korrezzjoni ta' ċerti spejjeż meqjusa kemm fid-determinazzjoni tal-prezz tal-esportazzjoni skont l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku kif ukoll fl-applikazzjoni tal-Artikolu 2(10)(g) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni aċċettat li ċerti spejjeż kienu rrappurtati darbtejn u naqqsithom mill-ispejjeż SG&A tal-kumpaniji relatati fl-Unjoni. Il-Kummissjoni għamlet ukoll korrezzjonijiet għal ċerti spejjeż u konċessjonijiet fil-kalkolu tal-valur tal-esportazzjoni, fejn meħtieġ.

(34) Il-produttur esportatur l-ieħor ukoll identifika ċerti spejjeż li tnaqqsu darbtejn, jiġifieri bħala spejjeż ta' wara l-importazzjoni u bħala parti mill-ispejjeż SG&A tal-kumpaniji relatati fl-Unjoni. Huwa talab ukoll il-kalkolu mill-ġdid ta' ċerti konċessjonijiet. Il-Kummissjoni analizzat l-affermazzjoni u għamlet korrezzjonijiet, fejn xieraq. Kif spjegat fid-divulgazzjoni definittiva, il-ftit prezzijiet tal-esportazzjoni negattivi li dehru fl-annessi tad-divulgazzjoni kienu relatati ma' noti ta' kreditu jew skontijiet, li kien rifless mill-fatt li l-kwantitajiet irrappurtati kienu negattivi wkoll, u ma rriżultawx minn xi aġġustament li sar fuq il-bażi tal-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku.

---

[7] Fl-istadju proviżorju, il-Kummissjoni stabbilixxiet li l-bejgħ domestiku ta' xi tipi ta' prodotti ma kienx rappreżentattiv minħabba li kien jirrappreżenta anqas minn 5 % tal-volum totali tal-bejgħ f'esportazzjoni tat-tip ta' prodott identiku jew komparabbli lill-Unjoni. Ara l-premessa (21) tar-Regolament proviżorju.

(35) Dan il-produttur esportatur afferma wkoll li l-Kummissjoni ma kellhiex tapplika l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku biex taħdem il-prezz tal-esportazzjoni, iżda li l-prezz tal-esportazzjoni kellu jkun ibbażat fuq il-prezzijiet tat-trasferiment bejn il-produttur esportatur u l-kumpaniji relatati tiegħu fl-Unjoni. Huwa argumenta li dawn il-prezzijiet huma affidabbli għal tliet raġunijiet. L-ewwel nett, il-prezz debitat mill-kumpanija lill-kumpaniji relatati tagħha fl-Unjoni ntqal li huwa konformi mal-prezz debitat mill-produttur esportatur lil importaturi mhux relatati fl-Unjoni. It-tieni nett, il-prezz debitat mill-produttur esportatur lill-kumpaniji relatati tiegħu fl-Unjoni kien ukoll konformi mal-prezzijiet tal-esportazzjoni lil importaturi mhux relatati fi swieq oħra. It-tielet nett, l-awtoritajiet doganali nazzjonali fl-Unjoni qiesu konsistentement illi l-prezzijiet debitati mill-produtturi esportaturi lill-kumpaniji relatati tagħha kienu affidabbli. Wara d-divulgazzjoni definittiva, il-produttur esportatur tenna l-affermazzjoni tiegħu, mingħajr madankollu ma ressaq argumenti jew evidenza ġodda.

(36) Il-produttur esportatur kien diġà għamel din l-affermazzjoni fl-istadju proviżorju (ara l-premessa (44) tar-Regolament proviżorju). Konsegwentement, il-Kummissjoni ċaħdet l-ewwel u t-tieni argument tal-produttur esportatur għall-istess raġunijiet bħal dawk stabbiliti fil-premessa (45) tar-Regolament proviżorju. Barra minn hekk, il-Kummissjoni rrifjutat it-tielet argument tal-kumpanija għar-raġunijiet li jinsabu fil-premessa (37) tar-Regolament proviżorju, li abbażi tagħhom hija ċaħdet argument simili mill-produttur esportatur l-ieħor.

(37) Wara d-divulgazzjoni definittiva, Jindal tenniet l-affermazzjoni tagħha li l-aġġustament għall-ispejjeż tal-kreditu għall-entità relatata tagħha fi Spanja għandu jiġi korrett bl-applikazzjoni ta' formula ġdida għall-kalkolu tar-rata tal-imgħax. Madankollu, l-aġġustament kien ikkalkulat fuq il-bażi ta' dejta li ġiet ipprovduta mill-kumpanija fir-risposta tagħha għall-kwestjonarju. Ma ġietx ipprovduta evidenza għaliex din id-dejta ma setgħetx tintuża. Il-Kummissjoni għalhekk ma rat l-ebda raġuni biex tibdel il-metodoloġija tagħha u tapplika r-rata disponibbli pubblikament tal-Bank Ċentrali Ewropew fil-kalkolu tal-ispejjez tal-kreditu, kif kien mitlub mill-produttur esportatur. Ma ntweriex li din kienet ir-rata applikabbli għall-entità tagħha fi Spanja. Għalhekk din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(38) Fir-Regolament proviżorju, l-ispejjeż tal-ipproċessar tal-pajpijiet mhux miksijin ipproċessati minn kumpanija relatata fl-Italja ta' wieħed mill-produtturi esportaturi ma tnaqqsux għar-raġunijiet spjegati fil-premessi (40) u (41) tar-Regolament proviżorju.

(39) Wara d-divulgazzjoni proviżorja u definittiva, l-ilmentatur argumenta li l-Kummissjoni missha naqqset l-ispejjeż tal-ipproċessar għal din il-kumpanija relatata skont l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku għal żewġ raġunijiet ewlenin. L-ewwel nett, sabiex tkun konsistenti mat-tnaqqis tal-ispejjeż tal-ipproċessar imġarrba minn kumpanija relatata fir-Renju Unit marbuta mal-flanġi (premessa (42) tar-Regolament proviżorju). It-tieni, minħabba li l-Kummissjoni naqqset l-ispejjeż tal-ipproċessar f'każijiet preċedenti, anki meta l-ispejjeż tal-ipproċessar fl-Unjoni kienu ogħla minn dawk imġarrba fil-pajjiż tal-oriġini.

(40) Kif speċifikat fil-premessi (13) sa (17) hawn fuq, pajpijiet mhux miksijin huma esklużi mill-ambitu tal-prodott. Il-Kummissjoni eskludiet għaldaqstant il-bejgħ kollu relatat mal-pajpijiet mhux miksijin ipproċessati aktar fl-Unjoni mill-kalkolu tal-prezz tal-esportazzjoni. Konsegwentement, l-affermazzjoni tal-ilmentatur hija mingħajr skop u għaldaqstant hija miċħuda.

(41) Fir-Regolament proviżorju (ara l-premessi (42) u (43) tiegħu), l-ispejjeż tal-ipproċessar tal-kumpaniji relatati fir-Renju Unit taż-żewġ produtturi esportaturi relatati li żdidu flanġi u jaqtgħu l-pajpijiet f'daqsijiet iżgħar kienu mnaqqsa meta jiġi stabbilit il-prezz tal-esportazzjoni skont l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku.

(42) Wara d-divulgazzjoni proviżorja u definittiva, Jindal talbet li pajpijiet bil-flanġit mibjugħa mill-kumpanija relatata tagħha bbażata fir-Renju Unit għandhom jiġu esklużi mill-prodott ikkonċernat u bħala riżultat mill-kalkolu tal-marġini tad-dumping tal-kumpanija.

(43) Għar-raġunijiet stabbiliti fil-premessi (19) u (20) hawn fuq, il-Kummissjoni ma kkunsidratx xieraq li jiġu esklużi pajpijiet bil-flanġi mid-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat. Il-pajpijiet bil-flanġi, li jikkostitwixxu biss parti żgħira tal-bejgħ totali tal-importaturi relatati kienu, madankollu, esklużi mid-determinazzjoni tal-prezz tal-esportazzjoni.

(44) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, Jindal argumentat li t-tnaqqis tal-ispejjeż SG&A u l-profitti fid-determinazzjoni tal-prezz tal-esportazzjoni skont l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku għall-kumpaniji relatati tagħha fl-Italja u fir-Renju Unit ma kinitx raġonevoli minħabba li kienu allegatament manifestament eċċessivi. Wara d-divulgazzjoni definittiva, il-kumpanija tenniet l-affermazzjoni tagħha, mingħajr madankollu ma ressqet evidenza ġdida. Hija għamlet din l-affermazzjoni.

(45) L-ewwel nett, ingħad li l-ispejjeż SG&A jiġu milquta mill-attivitajiet tal-ipproċessar taż-żewġ kumpaniji relatati fl-Unjoni. Il-kumpanija ssuġġeriet li minflok jintużaw l-ispejjeż SG&A rappurtati mill-kumpanija relatata tagħha fi Spanja, li ma kinitx involuta f'attivitajiet ta' pproċessar matul il-PI. It-tieni nett, il-kumpanija pproponiet ukoll bħala alternattiva oħra li jiġu esklużi l-ispejjeż speċifiċi mġarrba mill-kumpanija relatata fl-Italja li jinsabu fl-ispejjeż SG&A li kienu speċifiċi għall-attivitajiet tal-ipproċessar u l-ispejjeż relatati ma' attivitajiet ta' esportazzjoni lejn pajjiżi terzi. Għal dan l-għan, hija ppreżentat dejta addizzjonali. Din id-dejta ġiet ivverifikata mill-Kummissjoni matul żjara oħra ta' verifika lill-kumpanija relatata fl-Italja. Ma ngħatat l-ebda informazzjoni bħal din għall-kumpanija relatata fir-Renju Unit, iżda ġie konkluż li l-istess ammont ta' spejjeż SG&A kkoreġuti bħal tal-kumpanija relatata Taljana għandhom jiġu applikati għall-fini tal-aġġustament tal-prezz tal-esportazzjoni.

(46) Il-Kummissjoni ċaħdet l-ewwel affermazzjoni għax qieset xieraq li għandhom jintużaw l-ispejjeż reali tal-SG&A sostnuti minn kull kumpanija relatata meta jinħadem il-prezz tal-esportazzjoni skont l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni ma tarax għaliex l-ispejjeż reali ma jistgħux jitqiesu bħala bażi ta' punt tat-tluq raġonevoli.

(47) Fir-rigward tat-tieni alternattiva, il-Kummissjoni kkunsidrata li hija ġġustifikat peress li l-bejgħ tal-prodotti pproċessati fl-Unjoni kienu esklużi mid-determinazzjoni tal-prezz tal-esportazzjoni taż-żewġ kummerċjanti. Dan iġġustifika wkoll diviżjoni tal-ispejjeż biex jiġu esklużi l-ispejjeż relatati mal-attivitajiet tal-ipproċessar. Barra minn hekk, fuq il-bażi tat-tieni żjara ta' verifika meta ġie vverifikat it-tqassim addizzjonali tal-ispejjeż SG&A pprovdut għall-kumpanija relatata fl-Italja, il-Kummissjoni aċċettat xi wħud mill-ispejjeż bħala li huma relatati esklussivament mal-ipproċessar tal-pajpijiet mhux miksijin (li huma esklużi mill-ambitu tal-prodott kif imsemmi aktar 'il fuq). L-ispejjeż SG&A relatati mal-attivitajiet tal-ipproċessar għalhekk ma tqisux meta nħadem il-prezz tal-esportazzjoni skont l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku. Fir-rigward tal-kumpanija relatata fir-Renju Unit, ma saret l-ebda korrezzjoni tal-ispejjeż SG&A, minħabba li l-kumpanija ma pprovdietx tqassim addizzjonali ta' dawn l-ispejjeż wara d-divulgazzjoni proviżorja. Fl-aħħar nett, l-ispejjeż kollha relatati mal-attivitajiet tal-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi kienu diġà tnaqqsu fl-istadju proviżorju għall-kumpaniji relatati kollha fl-Unjoni.

(48) Wara d-divulgazzjoni definittiva, Jindal argumentat li l-istruttura tal-grupp tagħha nbidlet wara l-PI u li l-esportazzjonijiet ma għadhomx isiru permezz tal-importaturi relatati tagħha fir-Renju Unit u fi Spanja. Madankollu, it-tibdiliet allegati fl-istruttura tal-grupp wara l-PI ma jistax ikollhom impatt fuq il-marġnijiet tad-dumping, li ġew stabbiliti abbażi ta' dejta verifikata marbuta mal-PI. Għalhekk, dan l-argument ġie miċħud.

(49) Wara d-divulgazzjoni proviżorja u definittiva, l-istess produttur esportatur argumenta wkoll li l-Kummissjoni adottat approċċ differenti fir-rigward tal-aġġustamenti għall-SG&A, minn naħa, u għall-profitt min-naħa l-oħra. Għall-aġġustament tal-SG&A, il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq l-ispejjeż SG&A realment imġarrba, filwaqt li għall-aġġustament tal-profitt, l-ammonti attwali ġew sostitwiti b'ammont teoretiku.

(50) Din il-kumpanija relatata kienet, madankollu, qed tagħmel telf matul il-PI. Għalhekk ma kienx hemm marġni ta' profitt reali li seta' jintuża. Kif stipulat fil-premessa (43) tar-Regolament proviżorju, fin-nuqqas ta' kwalunkwe parametru referenzjarju raġonevoli, intużat medja ta' profitt ta' 3,7 %, li huwa kkunsidrat bħala livell raġonevoli ta' profitt ta' importatur mhux relatat. Il-Kummissjoni qieset l-użu ta' dan il-livell ta' profitt aktar preċiż minn kwalunkwe użu ta' livell ta' profitt ta' importatur relatat, li kieku livell ta' profitt bħal dan kien disponibbli.

(51) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, ECL ippreżentat ukoll affermazzjoni li ma kellhomx jitnaqqsu l-ispejjeż SG&A sħaħ tal-kumpaniji relatati tagħha fl-Unjoni fil-kuntest tal-kalkolu tal-prezz tal-esportazzjoni. Il-kumpanija sostniet li s-sussidjarji tagħha fl-Unjoni jwettqu r-rwol ta' importatur kif ukoll dak tat-taqsima tal-kummerċjalizzazzjoni tal-produttur esportatur. Hija sostniet li huma biss dawk l-ispejjeż SG&A tal-kumpaniji relatati fl-Unjoni li kienu relatati mal-attivitajiet tagħhom bħala importaturi għandhom jitnaqqsu meta jinħadem il-prezz tal-esportazzjoni. L-affermazzjoni tressqet mill-ġdid wara d-divulgazzjoni definittiva mingħajr madankollu ma ġew ipprovduti elementi ġodda.

(52) Il-Kummissjoni ma laqgħetx din it-talba għar-raġunijiet li ġejjin. L-ewwel, matul il-PI l-produttur esportatur esporta wkoll direttament lejn l-Unjoni, għalkemm fi kwantitajiet żgħar biss u mhux permezz tal-kumpaniji relatati tiegħu biss. Barra minn hekk, l-investigazzjoni wriet li l-produttur esportatur kien ġarrab ukoll spejjeż fl-Indja relatati mal-bejgħ bl-esportazzjoni lejn l-Unjoni (eż. persunal apposta għal dan il-bejgħ bl-esportazzjoni lejn l-Unjoni u spejjeż SG&A oħra). Dan wera li l-attivitajiet tal-esportazzjoni u l-ispejjeż relatati tal-kumpanija kienu kondiviżi bejn il-kumpanija prinċipali u l-kumpaniji relatati tagħha fl-Unjoni. Wara d-divulgazzjoni definittiva, il-kumpanija argumentat li l-funzjonijiet prinċipali tal-kummerċjalizzazzjoni wettquhom il-kumpaniji relatati fl-Unjoni u, sussegwentement, l-ispejjeż relatati ġarrbuhom huma. Madankollu, dan ma jikkontradixxix

l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni peress li l-kumpanija rrikonoxxiet li ċerti spejjeż relatati mal-bejgħ bl-esportazzjoni lejn l-Unjoni ġarrbithom ukoll il-kumpanija prinċipali. Għalhekk, l-argument li l-kumpaniji relatati fl-Unjoni kienu t-taqsimiet tal-kummerċjalizzazzjoni tal-kumpanija prinċipali ġie miċħud.

(53) It-tieni, il-kummerċjalizzazzjoni, ir-reklamar u attivitajiet oħra relatati mat-tfittxija ta' konsumaturi fl-UE huma attivitajiet normalment imwettqa minn importatur u l-ispejjeż assoċjati magħhom normalment iġarrabhom dan tal-aħħar. B'mod partikolari, dawn l-ispejjeż huma parti mill-ispejjeż relatati mal-bejgħ ta' prodott. Barra minn hekk, l-ispejjeż assenjati mill-kumpanija għall-attivitajiet ta' esportazzjoni ma jkunux iġġarbu fin-nuqqas ta' importazzjoni tal-prodott konċernat fl-Unjoni. Għaldaqstant, id-distinzjoni bejn l-attivitajiet tal-esportazzjoni u l-importazzjoni li għamel il-produttur esportatur ma kinitx ġustifikata u għandha tiġi miċħuda wkoll. Madankollu, l-ispejjeż imġarrba minn kumpaniji relatati fl-Unjoni relatati mal-esportazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat jew prodotti oħra lejn pajjiżi terzi kienu diġà tnaqqsu mill-ispejjeż SG&A tal-entitajiet.

(54) Fin-nuqqas ta' kummenti oħrajn, il-Kummissjoni tikkonferma l-premessi (33) sa (48) tar-Regolament proviżorju.

### 2.3. **Tqabbil**

(55) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, ECL sostniet li l-ispejjeż tal-kreditu fil-kumpanija, jiġifieri spejjeż ta' kreditu bejn il-kumpanija prinċipali fl-Indja u l-kumpaniji relatati tagħha fl-Unjoni, ma kellhomx jitnaqqsu skont l-Artikolu 2(10)(g) tar-Regolament bażiku peress li l-Kummissjoni ma aċċetatx il-prezz ta' trasferiment bejn il-produttur esportatur u l-kumpaniji relatati tiegħu fl-UE. Barra minn hekk, il-Kummissjoni diġà naqqset l-ispejjeż tal-kreditu tal-kumpaniji relatati fl-Unjoni li kienu jirrigwardaw il-bejgħ tagħhom lil konsumaturi indipendenti meta stabbiliet il-prezz tal-esportazzjoni skont l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku. Din l-affermazzjoni ġiet aċċettata.

(56) L-istess produttur esportatur afferma wkoll li ammont ekwivalenti għall-Iskema ta' Restituzzjoni tad-Dazju u l-Iskema tal-Prodotti Ffukati għandu jitnaqqas mill-valur normali skont l-Artikolu 2(10)(b) tar-Regolament bażiku sabiex jiġi żgurat paragun ġust bejn il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni.

(57) Il-Kummissjoni ma laqgħetx din it-talba għar-raġunijiet li ġejjin. L-ewwel nett, kif indikat fil-premessa (53) tar-Regolament proviżorju, ma sar l-ebda aġġustament għal rifużjoni ta' dazju, minħabba li l-produtturi esportaturi naqsu milli juru li t-taxxa li ma tħallsitx jew li ma ngħatax lura fuq il-bejgħ tal-esportazzjoni hija inkluża fil-prezz domestiku. Dan ġie kkonfermat ukoll fl-investigazzjoni parallela antisussidji ([8]) fejn ġie stabbilit li l-hekk imsejħa "Skema ta' Rifużjoni tad-Dazju" u "Skema ta' Fokus fuq il-Prodotti" tikkostitwixxi sussidji fil-forma ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-Gvern tal-Indja u ma tistax titqies bħala sistema ta' rifużjoni tad-dazju permissibbli jew sistema ta' rifużjoni ta' sostituzzjoni.

(58) Wara d-divulgazzjoni definittiva, l-istess produttur esportatur tenna l-affermazzjoni tiegħu li l-Iskema ta' Rifużjoni tad-Dazji u l-Iskema ta' Fokus fuq il-Prodotti għandhom jitnaqqsu mill-valur normali. Madankollu, huwa ma pprovdix elementi fattwali jew argumenti ġodda f'dan ir-rigward. Għalhekk il-Kummissjoni rrifjutat din l-affermazzjoni.

(59) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, l-ilmentatur tenna l-affermazzjoni tiegħu li l-Kummissjoni għandha tapplika l-metodoloġija eċċezzjonali tad-dumping immirat stabbilita fit-tieni sentenza tal-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku.

(60) Il-Kummissjoni ma stabbilixxiet l-ebda element ġdid li jista' jippermettilha tiddevja mill-valutazzjoni proviżorja tagħha li l-applikazzjoni tal-metodoloġija tad-dumping immirat mhijiex ġustifikata.

(61) Fin-nuqqas ta' kwalukwe kumment ieħor, il-konklużjonijiet milħuqa fil-premessi (49) sa (54) tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati.

### 2.4. **Marġinijiet tad-dumping**

(62) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, ECL saħqet li l-valuri CIF użati għall-kalkoli tal-marġni tad-dumping u d-dannu kienu inkonsistenti. B'mod partikolari, il-kumpanija argumentat li l-valur CIF użat bħala d-denominatur għall-kalkolu tal-marġni tad-dumping għal ECL kellu jkun l-istess valur CIF li ntuża għall-iskop tal-kalkolu tal-marġini tad-dannu u li jirrifletti l-prezz tal-esportazzjoni maħdum fuq livell CIF.

(63) Il-Kummissjoni qieset li d-denominatur għall-kalkoli tal-marġni tad-dumping għandu jkun il-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni reali li bih il-prodott ġie ddikjarat lill-awtoritajiet doganali tal-Unjoni. Din il-metodoloġija

([8]) Ara l-premessi (84)-(86) u (119)-(125) tar-Regolament antisussidji.

tiżgura li l-marġni ta' dumping huwa kkalkolat bħala perċentwali ta' CIF fil-fruntiera tal-Unjoni reali u jiżgura wkoll li d-dazju antidumping jinġabar minn kull awtorità doganali tal-Unjoni fuq il-bażi tal-prezzijiet CIF reali fil-fruntiera tal-Unjoni. Għaldaqstant, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda. Barra minn hekk, kemm fil-kalkoli tad-dumping kif ukoll f'dawk tad-dannu l-prezzijiet tal-esportazzjoni, fil-livell tal-fruntiera tal-Unjoni, li ntużaw kienu dawk li nħadmu skont l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku. Il-metodoloġija użata fiż-żewġ kalkoli tad-dumping u tad-dannu hija għalhekk koerenti. Madankollu, dan ma jipprekludix il-fatt li d-dazju finali għandu jiġi espress bħala perċentwali tal-valur CIF kif irrappurtat lill-awtoritajiet doganali.

(64) Wara d-divulgazzjoni definittiva, l-ilmentatur argumenta li paragun bejn il-marġnijiet tad-dumping u tad-dannu taż-żewġ produtturi esportaturi urew anomalija, peress li wieħed minnhom kellu marġni ta' dumping iktar baxx flimkien ma' marġini ta' dannu ogħla filwaqt li għall-produttur esportatur l-ieħor dan kien l-oppost.

(65) Din id-differenza hija dovuta għall-fatt li, għar-raġunijiet spjegati hawn fuq, kemm il-prezz tal-esportazzjoni u l-valur normali (fil-biċċa l-kbira) inħadmu għaż-żewġ produtturi esportaturi. Għalhekk, il-marġini tad-dumping kienu jirriflettu l-istruttura tal-ispejjeż taż-żewġ kumpaniji minflok il-prezzijiet reali debitati lil konsumaturi mhux relatati, kemm fis-suq domestiku Indjan kif ukoll fis-suq tal-Unjoni.

(66) L-ilmentatur afferma li l-esklużjoni tal-pajpijiet mhux miksijin issottovalutat il-marġini tad-dumping ta' wieħed l-produtturi esportaturi li għandhom jiġu stabbiliti f'livell ogħla. Billi l-Kummissjoni ddeċidiet li teskludi l-pajpijiet mhux miksijin mill-ambitu tal-prodott minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-premessi (13)-(19) hawn fuq, din l-affermazzjoni hija bla bażi u għalhekk miċħuda.

(67) L-ilmentatur argumenta wkoll li l-livelli tal-prezzijiet wara l-PI għandhom jitqiesu fil-kalkoli tal-marġnijiet tad-dumping. B'mod partikolari, afferma li wara l-PI l-produtturi esportaturi naqqsu l-prezzijiet tagħhom fis-suq tal-Unjoni filwaqt li l-prezzijiet tagħhom fis-suq domestiku Indjan allegatament baqgħu stabbli.

(68) L-ilmentatur ġustament sostna li *"billi juża l-kelma 'normalment', l-Artikolu 6(1) tar-Regolament bażiku jippermetti eċċezzjonijiet għar-regola kontra li titqies informazzjoni dwar perjodu sussegwenti għall-perjodu tal-investigazzjoni"* ([9]) Madankollu, talba biex jiġi kkalkulat l-prezz tal-esportazzjoni u l-valur normali ġodda għaż-żewġ produtturi esportaturi għal perjodu wara l-PI tkun teħtieġ investigazzjoni fil-fond ġdida mill-Kummissjoni, inkluż il-ġbir u l-verifika tad-dejta mill-produtturi esportaturi. Dan mhux teknikament u legalment possibbli fil-qafas ta' dan il-proċediment. Għaldaqstant, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(69) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra, il-metodoloġija li ntużat għall-kalkolu tal-marġnijiet tad-dumping, kif stabbilit fil-premessi minn (55) sa (56) tar-Regolament proviżorju, ġiet ikkonfermata.

(70) Filwaqt li jitqiesu l-aġġustamenti tal-valur normali tal-prezz tal-esportazzjoni, u fin-nuqqas ta' kummenti oħrajn, il-marġinijiet ta' dumping definittivi, espressi bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

| Kumpanija | Marġini tad-dumping |
|---|---|
| Jindal Saw Ltd | 19,0 % |
| Electrosteel Castings Ltd | 4,1 % |
| Marġni għall-pajjiż kollu | 19,0 % |

## 3. **DANNU**

### 3.1. **Kummenti preliminari**

(71) Bosta partijiet affermaw li d-divulgazzjoni proviżorja ma kienx fiha biżżejjed informazzjoni fir-rigward tal-istatistika tal-konsum tal-Unjoni, tal-importazzjoni u l-esportazzjoni kif ukoll dejta dwar l-indikaturi makro u mikro għad-determinazzjoni tad-dannu. L-affermazzjoni ġiet aċċettata parzjalment u informazzjoni addizzjonali dwar l-indikaturi tad-dannu hija ppreżentata hawn taħt, għalkemm f'firxiet biex jiġu protetti talbiet leġittimi għall-kunfidenzjalità.

([9]) Il-Kawża T-138/02 tal-14 ta' Novembru 2006, Nanjing Metalink International Co. Ltd. vs il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, para 61.

(72) Wara kummenti dwar id-divulgazzjoni finali, il-Kummissjoni skopriet li kienet attribwiet xi bejgħ f'esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni lill-bejgħ fl-Unjoni. Iċ-ċifri kkoreġuti tal-bejgħ wasslu għal modifiki/korrezzjonijiet żgħar f'xi firxiet u/jew indiċijiet li jirrigwardaw ċerti indikaturi oħra tad-dannu, jiġifieri l-konsum kumplessiv tal-Unjoni, is-sehem mis-suq tal-produtturi esportaturi, is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni u l-prezz tal-bejgħ tal-Unjoni. Madankollu, dawn il-korrezzjonijiet kellhom biss impatt żgħir fuq dawn l-indikaturi tad-dannu u ma affettwax it-tendenzi jew bidlu l-konklużjoni li kien hemm dannu materjali.

### 3.2. **Id-definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u tal-produzzjoni tal-Unjoni**

(73) Il-prodott simili ġie mmanifatturat minn tliet produtturi fl-Unjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni. Dawn jikkostitwixxu l-"industrija tal-Unjoni" skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku.

(74) Peress li hemm biss tliet produtturi tal-Unjoni u SG PAM Group ipprovda d-dejta għas-sussidjarji tiegħu u l-estimi għall-uniku produttur tal-Unjoni li ma kkooperax — Tiroler Rohre GmbH ("TRM"), iċ-ċifri kollha huma ppreżentati f'forma indiċizzata jew f'firxiet biex tiġi protetta l-kunfidenzjalità tal-produttur l-ieħor tal-Unjoni li kkoopera mfal-investigazzjoni.

(75) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni ġiet stabbilita għal bejn 590 000 — 610 000 tunnellata. Il-Kummissjoni stabbilixxiet il-produzzjoni totali tal-Unjoni fuq il-bażi tal-informazzjoni kollha disponibbli dwar l-industrija tal-Unjoni, bħall-informazzjoni ppreżentata fl-ilment għall-produttur li ma kkooperax u d-dejta li nġabret mingħand il-produtturi tal-Unjoni li kkooperaw matul l-investigazzjoni. Iż-żewġ produtturi tal-Unjoni li kkooperaw jirrappreżentaw madwar 96 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni.

### 3.3. **Konsum tal-Unjoni**

(76) Il-Kummissjoni stabbilixxiet il-konsum fl-Unjoni fuq il-bażi tal-volum ta' bejgħ totali tal-industrija tal-Unjoni fl-Unjoni, flimkien mal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi lejn l-Unjoni. Il-Kummissjoni stabbilixxiet il-bejgħ totali tal-industrija tal-Unjoni fuq il-bażi tad-dejta miġbura minn produtturi tal-Unjoni li kkooperaw u mill-informazzjoni mogħtija fl-ilment għall-produttur li ma kkooperax. Il-volumi tal-importazzjoni ġew estratti mid-dejta tal-Eurostat u rikonċiljati mad-dejta mogħtija mill-produtturi Indjani li kkollaboraw.

(77) Il-konsum tal-Unjoni żviluppa kif ġej:

**Il-konsum tal-Unjoni**

| | 2011 | 2012 | 2013 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Konsum (f'1 000(k) tunnellati) | 570 - 620 | 490 - 540 | 460 - 510 | 520 - 570 |
| *Indiċi* | *100* | *87* | *83* | *93* |

*Sors:* tweġibiet għall-kwestjonarju, informazzjoni li tinsab fl-ilment u l-Eurostat

(78) Il-konsum ġenerali tal-Unjoni naqas b'7 % waqt il-perjodu kkunsidrat. Il-konsum tal-Unjoni segwa xejra fil-forma ta' U — naqas b'mod sinifikanti bejn l-2011 u l-2012 (b'aktar minn 13 %), reġa' naqas matul l-2013 u żdied fil-perjodu tal-investigazzjoni. Din ix-xejra tista' tiġi parzjalment spjegata mill-fatt li l-utenti finali tal-pajjpijiet tal-ħadid duttili huma l-kumpaniji tal-provvista tal-ilma, id-drenaġġ u t-tisqija. Spiss dawn ikunu entitajiet pubbliċi dipendenti fuq finanzjament mill-gvern. Fl-2011 u l-2012, il-kriżi ekonomika saret kriżi totali ta' dejn pubbliku b'riperkussjonijiet fl-2013, li wasslet lill-gvernijiet tal-Unjoni biex naqqsu l-investiment u n-nefqa pubblika. Dan jispjega t-tnaqqis sinifikanti fid-domanda għal pajpijiet duttili, speċjalment f'pajjiżi bħal Spanja, il-Portugall u l-Italja.

3.4. **Importazzjonijiet mill-Indja**

3.4.1. *Volum u sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-Indja.*

(79) Il-Kummissjoni stabbilixxiet il-volum ta' importazzjonijiet fuq il-bażi tal-Eurostat. Id-dejta tal-Eurostat kienet kontraverifikata mad-dejta mogħtija mill-produtturi esportaturi u d-differenzi kienu marġinali. Wara l-esklużjoni tal-pajpijiet mhux miksijin mill-ambitu tal-prodott, il-Kummissjoni neħħiet il-volum tal-pajpijiet mhux miksijin importati mill-Indja mill-importazzjonijiet totali għas-snin fejn kienu importati pajpijiet mhux miksijin, jiġifieri l-2013 u l-PI. Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet kien stabbilit fuq l-istess bażi.

**Il-volum tal-importazzjoni u s-sehem mis-suq**

| | 2011 | 2012 | 2013 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Il-volum tal-importazzjonijiet mill-Indja (f'1 000(k) tunnellati) | 75 - 85 | 60 - 70 | 70 - 80 | 80 - 100 |
| L-*Indiċi* tal-volum tal-importazzjonijiet | *100* | *83* | *94* | *110* |
| Is-sehem mis-suq (%) | 13 - 15 | 13 - 15 | 15 - 17 | 17 - 19 |
| L-*Indiċi* tas-Sehem mis-Suq | *100* | *95* | *112* | *118* |

*Sors:* Eurostat, tweġibiet għall-kwestjonarji

(80) Il-volumi ta' importazzjoni Indjani żdiedu b'aktar minn 10 % matul il-perjodu kkunsidrat minkejja li s-suq kien qed jiċkien. Fl-istess perjodu, is-sehem mis-suq tal-produtturi esportaturi Indjani żdied bi kważi 18 %. Ta' min jinnota li fl-2012–2013, meta l-konsum tal-Unjoni baqa' f'livell baxx u saħansitra naqas aktar, l-importazzjonijiet mill-Indja żdiedu b'mod sinifikanti bi kważi 10 % b'mod li s-sehem tagħha mis-suq kważi laħaq is-17 %. L-importazzjonijiet mill-Indja komplew jiżdiedu b'mod sinifikanti fil-PI b'żieda oħra ta' 6 % tas-sehem mis-suq tagħha bejn l-2013 u l-PI.

3.4.2. *Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-Indja*

(81) Il-Kummissjoni stabbilixxiet il-prezzijiet tal-importazzjonijiet fuq il-bażi tad-dejta tal-Eurostat biex tanalizza x-xejriet fl-evoluzzjoni tal-prezz. Wara l-esklużjoni tal-pajpijiet mhux miksijin, il-Kummissjoni neħħiet il-valur u l-volum tal-pajpijiet mhux miksijin importati mill-Indja mill-kalkolu tal-prezz medju għas-snin fejn kienu importati pajpijiet mhux miksijin, jiġifieri l-2013 u l-PI.

(82) Il-prezz medju tal-importazzjonijiet lejn l-Unjoni mill-Indja żviluppa kif ġej:

**Prezzijiet tal-importazzjonijiet**

| | 2011 | 2012 | 2013 | PI |
|---|---|---|---|---|
| L-Indja (EUR/tunnellata) | 665 | 703 | 671 | 664 |
| *Indiċi* | *100* | *106* | *101* | *100* |

*Sors:* Eurostat, tweġibiet għall-kwestjonarji

(83) Wara li l-prezzijiet żiedu b'6 % bejn l-2011 u l-2012, il-prezzijiet naqsu fl-2013 u fil-PI laħqu l-istess livell bħal fil-bidu tal-perjodu kunsidrat.

3.4.3. *It-twaqqigħ tal-prezz*

(84) Il-Kummissjoni ddeterminat it-twaqqigħ tal-prezz matul il-perjodu ta' investigazzjoni fuq il-bażi tad-dejta ppreżentata mill-produtturi esportaturi u l-industrija tal-Unjoni billi qabblet:

(a) il-prezzijiet tal-bejgħ medji ponderati għal kull tip ta' prodott tal-produtturi tal-Unjoni debitati lill-konsumaturi mhux relatati fis-suq tal-Unjoni, u aġġustati għal-livell tal-prezz mill-fabbrika; kif ukoll

(b) il-prezzijiet medji ponderati li kkorrispondew għal kull tip ta' prodott tal-importazzjoni mill-prodotturi li kkooperaw Indjani lill-ewwel konsumatur indipendenti fis-suq tal-Unjoni, stabbilit fuq il-bażi ta' Kost, Assigurazzjoni, Ġarr (CIF), b'aġġustamenti xierqa għall-kostijiet ta' wara l-importazzjoni.

(85) Iż-żewġ produtturi esportaturi affermaw li kienu jeżistu differenzi sinifikanti bejn il-prodotti mibjugħa mill-ilmentatur u dawk mibjugħa minnhom, li jaffettwaw il-komparabbiltà ġusta tal-prezzijiet. B'mod partikolari, huma sostnew li huma ma kinux jimmanifatturaw pajpijiet mgħammra b'ġonot marbuta b'żewġ xoffiet (double chamber restrained joint) li tbigħ SG PAM taħt il-marka kummerċjali Universal Joint. Huma lanqas ma jimmanifatturaw ġonot awtomatiċi għal pajpijiet irqaq, li jaqblu mal-pajpijiet tal-plastik użati fl-għażla ta' prodotti Blutop ta' SG PAM. Barra minn hekk, huma sostnew li huma ma jimmanifatturawx pajpijiet miksija minn ġewwa bi plastik termali li SG PAM tikkummerċjalizza taħt il-marka kummerċjali Ductan u li tuża fl-għażla ta' prodotti tagħha Blutop. L-utenti tal-pajpijiet duttili fl-Unjoni kkonfermaw dawn l-affermazzjonijiet kif ukoll li l-ebda wieħed miż-żewġ produtturi esportaturi Indjani li kkooperaw li seta' jforni dawk il-prodotti identifikati. Għalhekk, il-Kummissjoni eskludiet il-pajpijiet ta' SG PAM mgħammra b'Universal Joint kif ukoll l-għażla ta' prodotti Blutop ta' SG PAM mill-kalkoli tal-marġini tat-twaqqigħ tal-prezz u d-dannu. Din l-esklużjoni affettwat inqas minn 10 % tat-tranżazzjonijiet skont il-volum.

(86) Wara d-divulgazzjoni finali, l-ilmentatur sostna li l-esklużjoni tal-Universal Joint ma kellhiex bażi għax kull produttur esportatur għandu soluzzjoni teknika li tista' tissostitwixxi din it-tip ta' ġonta. Il-Kummissjoni fakkret li ħafna utenti kienu kkonfermaw li l-produtturi esportaturi ma jistgħux jfornu ġonot marbuta b'żewġ xoffiet. Fi kwalunkwe każ, f'din l-investigazzjoni, it-tip ta' ġonta ma kienx identifikat bħala element essenzjali biex ssir distinzjoni bejn it-tipi ta' prodotti differenti għall-fini li jsir paragun tal-prezzijiet. Għalhekk ma setax isir tqabbil ġust tal-prezzijiet fuq il-bażi ta' tip tip. Minħabba l-fatt li l-volum tal-prodott mgħammar b'din il-ġonta huwa baxx, id-diffikultajiet biex isir tqabbil ġust tal-prezzijiet u l-fatt li, kif stipulat fil-premessa (91) hawn taħt, maġġoranza vasta ta' tipi tal-prodotti kienet suġġetta għall-kalkolu tat-twaqqigħ tal-prezzijiet u l-marġini tad-dannu, il-Kummissjoni sostniet li kien xieraq li l-ġonot marbuta darbtejn jiġu esklużi mill-kalkoli tat-twaqqigħ tal-prezz.

(87) Jindal sostniet ukoll li differenzi fiżiċi oħra fir-rigward ta', fost l-oħrajn il-kisi fuq barra u l-kisi intern, jaffettwaw il-kumparabilità tal-prezzijiet u għalhekk għandhom jiġu aġġustati/esklużi wkoll. Madankollu, dawn l-affermazzjonijiet ġew miċħuda. Kemm l-industrija tal-Unjoni kif ukoll il-produtturi esportaturi Indjani rrappurtaw bejgħ fl-Unjoni ta' tipi ta' prodott b'karatteristiċi fiżiċi komparabbli u għalhekk twettaq tqabbil ġust fir-rigward ta' dawk id-differenzi l-oħra allegati għall-fini tal-kalkoli tat-twaqqigħ fil-prezz u l-marġini tad-dannu.

(88) Kif spjegat fil-premessa (43) hawn fuq, pajpijiet bil-flanġi kienu esklużi mid-determinazzjoni tal-prezz tal-esportazzjoni tal-produtturi esportaturi. B'konsegwenza, il-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni tal-istess prodotti ġie eskluż ukoll mill-kalkoli tat-twaqqigħ tal-prezz. Il-volum tal-pajpijiet bil-flanġi mibjugħ fis-suq tal-Unjoni kien żgħir ħafna (inqas minn 1 %).

(89) Wara d-divulgazzjoni finali, Jindal affermat li l-aġġustamenti li saru fil-prezzijiet tal-esportazzjoni mill-Kummissjoni, jiġifieri l-aġġustament tal-SG&A u l-aġġustament tal-profitt, imorru kontra l-liġi tad-WTO. L-istess produttur esportatur afferma li tali prezzijiet ta' esportazzjoni aġġustati (li xi drabi huma 0 jew anke negattivi) ma jistgħux jifformaw il-bażi biex jiġi vvalutat jekk l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping humiex qed jikkawżaw dannu lill-industrija tal-Unjoni. Il-Kummissjoni ma qablitx. Skont il-prassi normali tal-Kummissjoni l-prezzijiet tal-produtturi tal-Unjoni ġew aġġustati wkoll għal-livell ta' prezz tal-fabbrika billi tnaqqsu fost l-oħrajn l-ispejjeż relatati mat-trasport. Għalhekk it-tqabbil tal-prezz tal-bejgħ mill-ġdid tal-importatur ma' prezz tal-fabbrika tal-Unjoni ma jkunx paragun ġust. Barra minn hekk, l-uniku każ fejn il-prezz tal-produttur esportatur kien inqas minn 0 tneħħa mill-kalkolu tat-twaqqigħ tal-prezz wara d-divulgazzjoni finali, b'impatt insinifikanti fuq il-marġinijiet.

(90) Wara d-divulgazzjoni finali Jindal innutat li l-Kummissjoni kienet naqset milli tipprovdi informazzjoni dwar it-tqabbil tal-prodotti tal-Unjoni u tal-prodotti tal-produtturi esportaturi għal kull tip tal-prodott individwali (PCN) u li l-produttur għalhekk ma kienx f'qagħda li jiżgura jekk il-Kummissjoni kinitx analizzat is-sinifikat tat-twaqqigħ tal-prezz fir-rigward tal-proporzjon tat-tipi ta' prodott li għalihom ma nstabx twaqqigħ tal-prezz.

(91) It-tqabbil tal-prodotti fil-kalkoli tat-twaqqigħ tal-prezz kien ta' 99 % u 95 % għaż-żewġ produtturi esportaturi rispettivament u nstab twaqqigħ tal-prezz ta' 98 % u 91 % mit-tipi differenti tal-prodott mibjugħa fis-suq tal-Unjoni. Minħabba l-proporzjon għoli ħafna ta' tipi tal-prodott li twaqqgħalhom il-prezz, il-Kummissjoni ċaħdet l-affermazzjoni li ma twettqitx analiżi tal-impatt tat-twaqqigħ xierqa.

(92) Wara d-divulgazzjoni finali Tata sostniet li t-twaqqigħ tal-prezz ibbażat fuq l-ispiża tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni ma kienx indikazzjoni xierqa għall-eżami tad-dannu għax il-kost tal-produzzjoni kien minfuħ minħabba l-ispejjeż fissi għoljin u l-kapaċità żejda. Kif imsemmi hawn taħt, it-twaqqigħ tal-prezz huwa paragun bejn prezz u prezz. F'kull każ, it-twaqqigħ tal-prezz huwa biss wieħed mid-diversi indikaturi li huma eżaminati biex jiġi stabbilit jekk l-industrija tal-Unjoni ġarrbitx dannu materjali.

(93) Dan it-tqabbil tal-prezzijiet sar fuq bażi ta' tip b'tip għal tranżazzjonijiet fl-istess livell ta' kummerċ, aġġustati kif dovut meta meħtieġ, wara t-tnaqqis tar-rifużjonijiet u l-iskontijiet. Ir-riżultat tat-tqabbil ingħata bħala perċentwal tal-fatturat tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun matul il-perjodu tal-investigazzjoni. Dan wera marġni ta' twaqqigħ tal-prezz b'medja ponderata ta' 30,9 % u 31,7 % għaż-żewġ produtturi esportaturi li kkooperaw.

### 3.5. **Is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni**

#### 3.5.1. *Rimarki ġenerali*

(94) Id-dejta mikroekonomika u makroekonomika hija divulgata bħala firxiet u numri tal-indiċi biex jiġu protetti t-talbiet leġittimi tal-kunfidenzjalità kif stipulat fil-premessa (71).

#### 3.5.2. *Indikaturi makroekonomiċi*

##### 3.5.2.1. Il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità

(95) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità matul il-perjodu kkunsidrat żviluppaw kif ġej:

**Produzzjoni, kapaċità ta' produzzjoni u użu tal-kapaċità tal-Unjoni**

| | 2011 | 2012 | 2013 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Produzzjoni (f'1 000(k) ta' tunnellati) | 580 - 600 | 460 - 480 | 530 - 550 | 590 - 610 |
| *Indiċi* tal-Volum tal-Produzzjoni | *100* | *79* | *91* | *101* |
| Kapaċità ta' Produzzjoni (f'1 000(k) ta' tunnellati) | 1 000 — 1 100 | 1 000 — 1 100 | 1 000 — 1 100 | 1 000 — 1 100 |
| *Indiċi* tal-Kapaċità ta' Produzzjoni | *100* | *100* | *100* | *100* |
| Użu tal-kapaċità (%) | 52 - 57 | 42 - 47 | 45 - 50 | 53 - 58 |

*Sors:* Tweġibiet għall-kwestjonarju u l-informazzjoni li tinsab fl-ilment

(96) Il-produzzjoni totali tal-industrija tal-Unjoni kienet ftit ogħla matul il-perjodu ta' investigazzjoni milli kienet fl-2011, minkejja li l-bejgħ fl-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni kien ħafna inqas (ara t-tabella hawn taħt). Iż-żieda fil-produzzjoni fl-2013 u l-PI hija xprunata minn żieda fil-bejgħ għall-esportazzjoni (ara l-premessa (128)).

(97) Il-kapaċità baqgħet stabbli matul il-perjodu kkunsidrat. L-użu tal-kapaċità żdied marġinalment f'konformità maż-żieda fil-produzzjoni fil-perjodu kkunsidrat. Madankollu, l-użu tal-kapaċità baqa' relattivament baxx, fil-livell ta' 53 % -58 %. Il-produzzjoni tal-pajpijiet duttili hija industrija karatterizzata minn spejjeż fissi relattivament għoljin. Użu baxx tal-kapaċità jiddeterjora l-assorbiment tal-ispejjeż fissi, ħaġa li tista' taffettwa l-profitabilità tal-industrija tal-Unjoni.

3.5.2.2. Volum tal-bejgħ u sehem mis-suq

(98) Il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni żviluppaw hekk matul il-perjodu kkunsidrat:

**Il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq tal-Industrija tal-Unjoni**

| | 2011 | 2012 | 2013 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Bejgħ (f'1 000(k) tunnellati) | 430 - 470 | 370 - 410 | 340 - 380 | 380 - 420 |
| *Indiċi* tal-volum tal-bejgħ | *100* | *88* | *82* | *89* |
| Is-sehem mis-suq (%) | 75 - 80 | 76 - 81 | 73 - 78 | 71 - 76 |
| *Indiċi* tas-Sehem mis-Suq | *100* | *101* | *98* | *96* |

*Sors:* Tweġibiet għall-kwestjonarju, informazzjoni li tinsab fl-ilment u l-Eurostat

(99) Il-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni naqas bi 11 % matul il-perjodu kkunsidrat għal 380 kt — 420 kt] fil-perjodu ta' investigazzjoni. L-industrija tal-Unjoni tilfet volum ta' bejgħ sinifikattivament akbar mill-volum ta' tnaqqis fil-konsum u għaldaqstant is-sehem tagħha mis-suq naqas bi 4 % matul il-perjodu kkunsidrat.

(100) ECL affermat li t-tnaqqis fil-volumi tal-bejgħ ibbażat fuq tunnellati metriċi ma jqisx li l-ilmentatur introduċa u biegħ prinċipalment tubi u pajpijiet eħfef matul il-perjodu meqjus u li għaldaqstant it-tnaqqis huwa eżaġerat. Din it-talba ma kienet sostanzjata b'ebda evidenza ta' sostenn u għalhekk ġiet miċħuda. Madankollu, il-Kummissjoni eskludiet firxa ta' pajpijiet eħfef — Blutop mill-kalkoli tal-marġini tat-twaqqigħ tal-prezz u d-dannu, għar-raġunijiet stabbiliti fil-premessa (85).

3.5.2.3. Tkabbir

(101) Il-konsum totali tal-prodott konċernat fl-Unjoni naqas b'7 % matul il-perjodu kunsidrat. Il-konsum naqas b'mod drastiku fl-2012 b'aktar minn 13 %, baqa' batut fl-2013 u beda jirkupra fil-perjodu ta' investigazzjoni. Fil-bidu tal-perjodu kunsidrat, il-bejgħ tal-Industrija tal-Unjoni, l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi kif ukoll l-importazzjonijiet Indjani naqsu f'konformità mal-konsum. Sa tmiem il-perjodu kunsidrat, filwaqt li l-konsum tal-Unjoni beda jogħla, l-industrija tal-Unjoni ma rnexxilhiex tibbenefika bis-sħiħ minn dan l-irkupru peress li kemm il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq tal-Unjoni naqsu filwaqt li l-importazzjonijiet Indjani żiedu s-sehem mis-suq.

3.5.2.4. Impjiegi u produttività

(102) L-impjiegi u l-produttività żviluppaw hekk matul il-perjodu kunsidrat:

**Għadd ta' impjegati u l-produttività**

| | 2011 | 2012 | 2013 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Impjegati | 2 400 — 2500 | 2 300 — 2 400 | 2 300 — 2 400 | 2 400 — 2 500 |
| *Indiċi* tal-impjegati | 100 | 93 | 93 | 99 |
| Produttività/Impjegat | 220 — 240 | 180 — 200 | 210 — 230 | 230 — 250 |
| *Indiċi* tal-Produttività | 100 | 82 | 96 | 102 |

*Sors:* Tweġibiet tal-kwestjonarju

(103) L-impjieg u l-produttività kienu f'livell simili matul il-perjodu ta' investigazzjoni kif kienu fl-2011. Madankollu, il-fatt li l-impjiegi ma naqsux huwa dovut l-aktar għal żieda sinifikanti fil-bejgħ barra l-Unjoni kif imsemmi fil-premessa (127) u (128) hawn taħt, li ppermettiet lill-Industrija tal-Unjoni thaddem persunal mill-ġdid.

3.5.2.5. Daqs tal-marġini tad-dumping u l-irkupru minn dumping tal-imgħoddi

(104) Il-marġinijiet kollha tad-dumping kienu ogħla mil-livell *de minimis*. L-impatt tad-daqs tal-marġnijiet reali tad-dumping fuq l-industrija tal-Unjoni kien sostanzjali, minħabba l-volumi u t-twaqqigħ sinifikanti tal-prezz mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiż konċernat.

(105) Din hi l-ewwel investigazzjoni antidumping dwar il-prodott ikkonċernat. Għalhekk, ma kienx hemm dejta disponibbli biex jiġu vvalutati l-effetti ta' dumping possibbli fil-passat.

3.5.3. *Indikaturi mikroekonomiċi*

3.5.3.1. Prezzijiet u fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet

(106) Il-prezzijiet medji ponderati tal-bejgħ ta' unità tal-produtturi tal-Unjoni li kkooperaw lill-konsumaturi mhux relatati fl-Unjoni żviluppaw hekk matul il-perjodu kunsidrat:

**Prezzijiet tal-bejgħ fl-Unjoni**

| | 2011 | 2012 | 2013 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Il-prezz medju tal-bejgħ ta' unità fl-Unjoni (EUR/tunnellata) | 990 — 1050 | 1 000 — 1 060 | 1 020 — 1 060 | 1 000 — 1 060 |
| *Indiċi* | *100* | *102* | *104* | *101* |
| Kost tal-produzzjoni għal kull unità (EUR/tunnellata) | 900 — 950 | 1 000 — 1 050 | 900 — 950 | 850 — 900 |
| *Indiċi* | *100* | *110* | *104* | *96* |

*Sors:* Tweġibiet tal-kwestjonarju

(107) Il-prezz tal-bejgħ medju ta' unità żdied fl-2012 u fl-2013, niżel bi 3 % matul il-PI u reġa' tela' għal livell simili għal dak tal-bidu tal-perjodu kunsidrat. Il-kost tal-produzzjoni żdied fl-2012, naqas fl-2013 u fil-PI, l-aktar minħabba t-tnaqqis fil-prezz tal-materja prima ewlenija — il-minerali tal-ħadid u r-ruttam tal-metall.

(108) Jindal affermat li t-tnaqqis fil-profittabilità tal-industrija tal-Unjoni hija inkonsistenti mal-fatt li d-differenza bejn il-prezz tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni għal kull unità u l-kost tal-produzzjoni kienu żdiedu fil-PI. Il-Kummissjoni ma qablitx ma' dan l-argument. Il-kost tal-produzzjoni indikat fit-tabella ta' hawn fuq ma ntużax fil-kalkolu tal-profittabbiltà. Il-kost tal-produzzjoni kien stabbilit fuq il-bażi tal-kost tal-manifattura tal-prodott konċernat u l-ispejjeż tal-bejgħ, ġenerali u amministrattivi (SG&A) għall-erba' kumpaniji produtturi li kkooperaw fl-Unjoni. Il-profittabbiltà, min-naħa l-oħra, ġiet ikkalkulata fuq il-bażi tal-profitt nett qabel it-taxxa tal-bejgħ tal-prodott simili lil konsumaturi mhux relatati fl-Unjoni bħala perċentwal tal-fatturat ta' dan il-bejgħ, li kien jinkludi l-ispejjeż tal-oġġetti mibjugħa, SG&A, R&D u ċerti spejjeż oħra għall-kumpaniji tal-produzzjoni kollha tal-Unjoni li kkooperaw kif ukoll għas-sussidjarji tal-bejgħ. Għalhekk, il-profittabbiltà tista' tevolvi b'mod differenti mill-prezzijiet tal-bejgħ ta' unità u l-kost tal-produzzjoni.

3.5.3.2. Kostijiet lavorattivi

(109) Il-kostijiet lavorattivi medji tal-produtturi tal-Unjoni li kooperaw żviluppaw hekk matul il-perjodu kkunsidrat:

**Il-kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat**

| | 2011 | 2012 | 2013 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Kost lavorattiv (kEUR/impjegat/sena) | 56 - 58 | 56 - 58 | 58 - 60 | 58 - 60 |
| *Indiċi* | *100* | *100* | *103* | *104* |

*Sors:* Tweġibiet tal-kwestjonarju

(110) Matul il-perjodu kkunsidrat, il-kost lavorattiv medju għal kull impjegat żdiedet b'4 %. Din iż-żieda kienet taħt iż-żieda ġenerali fil-pagi u s-salarji fl-Unjoni kif irrappurtata mill-Eurostat.

(111) Jindal osservat li l-Kummissjoni ma tatx id-dejta tal-Eurostat li fuqha bbażat ruħha biex isostni d-dikjarazzjoni li l-kostijiet lavorattivi għall-industrija tal-Unjoni żdiedu inqas milli żdiedu għas-settur industrijali kollu fl-Unjoni. Il-Kummissjoni ċċarat li tkabbir annwali fil-kostijiet lavorattivi fis-settur industrijali kollu fl-Unjoni Ewropea kif irrappurtat mill-Eurostat ([10]) kien ta' 6,9 % bejn l-2011 u l-2014 u bi kważi 5 % bejn l-2011 u l-2013.

3.5.3.3. Inventarji

(112) Il-livelli tal-ħażna tal-produtturi tal-Unjoni li kkooperaw żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

**Inventarji**

| | 2011 | 2012 | 2013 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Stokkijiet tal-għeluq (f'1 000(k) ta' tunnellati) | 110 - 130 | 80 - 100 | 80 - 100 | 90 - 110 |
| *Indiċi* tal-Istokkijiet tal-għeluq | *100* | *74* | *73* | *82* |
| Stokkijiet tal-għeluq għall-proporzjon tal-produzzjoni (%) | 20 - 22 | 20 - 22 | 16 - 18 | 16 - 18 |

*Sors:* Tweġibiet tal-kwestjonarju

(113) Matul il-perjodu kkunsidrat il-livell tal-istokkijiet tal-għeluq naqas. It-tnaqqis fil-livell tal-istokkijiet huwa kkawżat prinċipalment minn rekwiżiti ta' kapital operatorju aktar stretti imposti mill-ġestjoni tal-industrija tal-Unjoni.

([10]) http://ec.europa.eu/eurostat/data/database# → Popolazzjoni u Kundizzjonijiet tax-Xogħol → → Kostijiet Lavorattivi → indiċi tal-Kostijiet Lavorattivi, valur nominali — dejta annwali (NACE Rev. 2) (lc_lci_r2_a), ġabra ta' dejta għall-Industrija (għajr il-kostruzzjoni).

3.5.3.4. Profittabbiltà, fluss ta' flus, investiment, redditu fuq l-investimenti u kapaċità li tiġġenera kapital

(114) Il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti tal-produtturi tal-Unjoni li kkooperaw żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

**Il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redittu fuq l-investimenti**

| | 2011 | 2012 | 2013 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Profittabilità tal-bejgħ fl-Unjoni lil konsumaturi mhux relatati (% tal-fatturat tal-bejgħ) | 2,5 - 3,0 | (–)5,5 - (–)6,0 | (–)1,0 - (–)1,5 | 1,5 - 2,0 |
| Fluss tal-Flus (miljuni EUR) | 8 – 10 | 7 – 9 | 5 – 7 | 8 – 10 |
| *Indiċi* tal-Fluss tal-Flus | *100* | *92* | *67* | *101* |
| Investimenti (miljuni EUR) | 18 – 20 | 11 – 12 | 13 – 15 | 22 – 24 |
| *Indiċi* tal-Investimenti | *100* | *60* | *67* | *120* |
| Redditu fuq l-Investimenti (%) | 49 | (–)155 | (–)29 | 20 |

*Sors:* Tweġibiet tal-kwestjonarju

(115) Il-Kummissjoni stabbilixxiet il-profittabbiltà tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun billi l-profitt nett qabel it-taxxa tal-bejgħ tal-prodott simili lil konsumaturi mhux relatati fl-Unjoni ngħata bħala perċentwal tal-fatturat ta' dak il-bejgħ. Il-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni niżlet minn 2,5 % -3,0 % fl-2011 għal 1,5-2,0 % matul il-perjodu ta' investigazzjoni u kienet negattiva fl-2012 u l-2013.

(116) Il-fluss tal-flus nett huwa l-kapaċità tal-produtturi tal-Unjoni li kkooperaw li jiffinanzjaw huma stess l-attivitajiet tagħhom. Il-fluss ta' flus kien f'livell simili fl-2011 u matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(117) Il-livell ta' investiment kien akbar fil-PI milli kien fl-2011. Madankollu fis-snin 2012 u 2013 il-livell ta' investiment kien ferm aktar baxx u ż-żieda fil-perjodu ta' investigazzjoni ma paċitx it-tnaqqis fis-snin preċedenti. Żieda fl-investiment matul l-PI tista' tiġi prinċipalment spjegata b'investiment kbir wieħed minn wieħed mill-produtturi tal-Unjoni li kkooperaw biex jibdel biċċa apparat importanti li kien bil-ħsara. Ir-redditu fuq l-investiment huwa l-profitt f'perċentwal tal-valur kontabilistiku nett tal-investimenti. Ir-redditu fuq l-investimenti kien ħafna aktar baxx matul il-perjodu tal-investigazzjoni milli kien fl-2011.

3.6. **Konklużjoni dwar id-dannu**

(118) L-industrija tal-Unjoni tilfet b'4 % mis-sehem mis-suq f'suq li sejjer lura, filwaqt li l-bejgħ tagħha fis-suq tal-Unjoni naqas bi 11 %. L-użu tal-kapaċità baqa' baxx matul il-perjodu kollu kunsidrat għalkemm żdied kemm kemm meta mqabbel mal-bidu tal-perjodu kunsidrat, prinċipalment minħabba żieda konsiderevoli l-esportazzjonijiet tal-industrija tal-Unjoni. Filwaqt li l-industrija tal-Unjoni rkuprat xi ftit mir-riżultati negattivi mġarrba fl-2012 u fl-2013, il-profittabilità tagħha kumplessivament naqset matul il-perjodu kunsidrat u sal-aħħar tal-perjodu tal-investigazzjoni kienet biss 1,5 % -2,0 %, ferm taħt il-profitt fil-mira, li kien ġie stabbilit għal 5 % (ara l-premessa (126) tar-Regolament proviżorju).

(119) Il-fatt li xi indikaturi oħra tad-dannu bħall-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità, il-produttività, il-fluss tal-flus, l-investiment jew ir-redditu fuq l-investiment baqgħu relattivament stabbli jew saħansitra tjiebu, ma jistax jibdel il-konklużjoni li l-industrija tal-Unjoni sofriet danni materjali kif spjegat fil-premessa (122) hawn taħt.

(120) Il-produtturi esportaturi u Tata argumentaw li l-fatt li bosta indikaturi juru tendenzi pożittivi/stabbli jfisser li l-industrija tal-Unjoni mhijiex f'sitwazzjoni ta' dannu. Il-Kummissjoni ċaħdet dan l-argument. L-ewwel nett, l-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku jipprovdi li l-eżami tal-industrija tal-Unjoni għandu jinkludi evalwazzjoni tal-fatturi u l-indiċi ekonomiċi relevanti kollha li għandhom effett fuq l-istat tal-industrija u li "wieħed jew aktar minn dawn il-fatturi neċessarjament jagħti gwida deċisiva." It-tieni nett, biex tinstab l-eżistenza ta' dannu materjali mhuwiex meħtieġ li l-fatturi u l-indiċijiet ekonomiċi rilevanti kollha juru tendenza negattiva. Barra minn hekk, l-eżistenża ta' tendenzi stabbli jew anke pożittivi f'xi indikaturi tad-dannu ma teskludix l-eżistenza ta' dannu materjali. Pjuttost, konklużjoni bħal din trid tkun ibbażata fuq valutazzjoni kumplessiva tal-indikaturi kollha li ġew totalment approvati mill-ġurisprudenza Ewropea ([11]).

(121) Profittabilità baxxa, flimkien ma' telf ta' bejgħ u sehem mis-suq fl-Unjoni, ipoġġu lill-industrija tal-Unjoni f'sitwazzjoni ekonomika u finanzjarja diffiċli.

(122) Abbażi ta' analiżi kumplessiva tal-indikaturi tad-dannu kollha rilevanti u fid-dawl tas-sitwazzjoni ekonomika u finanzjarja diffiċli tal-industrija tal-Unjoni huwa konkluż li hija qed issofri minn dannu materjali skont it-tifsira tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku.

## 4. **KAWŻALITÀ**

(123) Wara d-divulgazzjoni proviżorja ż-żewġ produtturi esportaturi mill-Indja u Tata sostnew li ma hemm l-ebda koinċidenza fiż-żmien bejn is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni u l-importazzjonijiet mill-Indja u li s-sitwazzjoni dannuża tal-industrija tal-Unjoni ma ġietx ikkawżata mill-importazzjonijiet mill-Indja. B'mod partikolari, huma argumentaw li l-industrija tal-Unjoni reġgħet kellha ċifri profittabbli u żiedet il-volumi tal-bejgħ tagħha matul l-PI meta l-importazzjonijiet mill-Indja kienu għoljin. Huma sostnew ukoll li l-Kummissjoni naqset milli tivvaluta sew fatturi oħra, b'mod partikolari l-kriżi finanzjarja u l-kapaċità żejda tal-industrija tal-Unjoni bħala l-kawża ewlenija tad-dannu. Fil-biċċa l-kbira dawn l-allegazzjonijiet kienu wkoll ripetuti wara d-divulgazzjoni finali.

(124) Meta jiġi analizzat jekk l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping ikkawżax dannu skont l-Artikolu 3(6) tar-Regolament bażiku, trid tingħata attenzjoni partikolari għal jekk kienx hemm twaqqigħ tal-prezz sinifikanti mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping. Dan jinvolvi tqabbil mal-prezz tal-prodott simili tal-industrija tal-Unjoni. Il-Kummissjoni analizzat jekk l-effetti ta' dawn l-importazzjonijiet waqqgħux il-prezzijiet bi grad sinifikanti jew ostakolawx żidiet fil-prezzijiet li kieku kienu jseħħu. Il-Kummissjoni fakkret li pressjoni kontinwa eżerċitata minn importazzjonijiet oġġett ta' dumping bi prezz baxx li ma tippermettix lill-industrija tal-Unjoni tadatta l-prezzijiet tal-bejgħ tagħha jistgħu jikkostitwixxu kawżalità fis-sens tar-Regolament bażiku ([12]).

(125) Fil-premessa (102) tar-Regolament proviżorju l-Kummissjoni rrikonoxxiet li tnaqqis sinifikanti fil-konsum tal-Unjoni fl-2011 u fl-2012 kien minħabba l-kriżi finanzjarja globali u minn tnaqqis fin-nefqa pubblika u li dan it-tnaqqis fil-konsum ikkontribwixxa għas-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni fil-bidu tal-perjodu kunsidrat. Madankollu, mill-2013 meta l-konsum tal-Unjoni kien għadu baxx, sal-aħħar tal-perjodu ta' investigazzjoni, l-importazzjonijiet Indjani oġġett ta' dumping lejn l-Unjoni żdiedu b'mod sinifikanti, b'16 % meta mqabbel ma' żieda kumplessiva ta' 10 % matul il-perjodu kollu kunsidrat. Fl-istess ħin, l-importazzjonijiet Indjani żiedu s-sehem tagħhom mis-suq bi kważi 18 % matul il-perjodu kunsidrat u b'6 % mill-2013 sa tmiem il-PI. Dan kien possibbli billi l-prodott konċernat inbiegħ bi prezzijiet sostanzjalment iżjed baxxi minn dawk tal-industrija tal-Unjoni. Fil-fatt, għall-PI, l-investigazzjoni stabbiliet li l-prezzijiet tal-esportazzjoni Indjana oġġett ta' dumping waqqgħu l-prezzijiet tal-Unjoni b'aktar minn 30 %

(126) B'konsegwenza, minkejja l-irkupru globali mill-kriżi finanzjarja u ż-żieda fil-konsum tal-Unjoni mill-2013, l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tibbenefika għal kollox minnhom. Għalkemm l-industrija tal-Unjoni żiedet il-volumi ta' bejgħ tagħha bejn l-2013 u tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni, il-volum tal-bejgħ naqas kumplessivament b'10 % matul il-perjodu kunsidrat meta mqabbel mal-importazzjonijiet Indjani li żdiedu b'10 % matul

([11]) Il-Kawża T-310/12 tal-20 ta' Mejju 2015, Yuanping Changyuan Chemicals Co. Ltd vs il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, para 134 u 135.
([12]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1043/2011 li jimponi dazju antidumping provviżorju fuq importazzjonijiet ta' aċidu ossaliku li joriġina mill-Indja u mir-Repubblika Popolari taċ-Ċinataċ-Ċina (ĠU L 275, 20.10.2011, p. 1), premessa 103.

l-istess perjodu. L-influss tal-importazzjonijiet oġġet ta' dumping mill-Indja, li waqqgħu b'mod sinifikanti l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni impedixxa lill-industrija tal-Unjoni milli żżid il-volumi tal-bejgħ tagħha fis-suq tal-Unjoni għal livelli li jistgħu jiżguraw livelli ta' profitt sostenibbli. Sabiex iżżomm il-volum tal-produzzjoni l-industrija tal-Unjoni żiedet il-volumi tal-esportazzjoni tagħha (ara t-tabella ta' hawn taħt). Għaldaqstant kien hemm koinċidenza fiż-żmien bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping bi prezzijiet li jwaqqgħu b'mod sinifikanti l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni (madwar 30 %) u li baxxew sinifikattivament il-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni li mbagħad impedixxew żidiet fil-prezzijiet li kieku kienu jseħħu, u d-dannu materjali li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(127) Il-volum tal-esportazzjonijiet tal-produtturi tal-Unjoni li kkooperaw żviluppa kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

**Prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-Produtturi tal-Unjoni li kkooperaw**

| | 2011 | 2012 | 2013 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Volum tal-esportazzjoni (f'1 000(k) ta' tunnellati) | 120 - 140 | 100 - 120 | 150 - 170 | 160 - 180 |
| *Indiċi* tal-Volum tal-Esportazzjoni | *100* | *78* | *116* | *130* |
| Prezz tal-Esportazzjoni (EUR/t) | 1 000 – 1 050 | 1 050 – 1 100 | 1 000 – 1 050 | 950 – 1 000 |
| *Indiċi* tal-Prezz Medju tal-Esportazzjoni | *100* | *108* | *104* | *99* |

*Sors:* Tweġibiet tal-kwestjonarju

(128) Il-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni barra l-Unjoni żdied b'mod konsiderevoli bi 30 % matul il-perjodu kunsidrat, filwaqt li l-prezz medju tal-bejgħ baqa' relattivament stabbli. Għalhekk, il-bejgħ barra l-Unjoni fil-fatt huwa fattur li jtaffi d-dannu. Mingħajr żieda fil-bejgħ 'il barra mill-Unjoni, l-industrija tal-Unjoni kienet tkun f'sitwazzjoni saħansitra aktar dannuża.

(129) Jindal ġibdet l-attenzjoni li l-prezzijiet tal-bejgħ tal-esportazzjoni tal-Industrija tal-Unjoni kienu taħt il-prezzijiet tal-bejgħ fl-Unjoni, u għalhekk ma setgħux itaffu d-dannu. Iż-żieda fil-bejgħ 'il barra mill-Unjoni ppermettiet lill-Industrija tal-Unjoni jkollha livell ogħla ta' produzzjoni, iżżomm il-livell tal-impjieg u żżid il-kapaċità tal-użu, li jfisser assorbiment aħjar tal-ispejjeż fissi. Il-fatt li l-prezzijiet medji tal-esportazzjoni ta' unità kienu kemxxejn inqas (fil-firxa ta' 5 %) mill-prezzijiet tal-bejgħ tal-Unjoni jista' jkun minħabba ħafna fatturi differenti, bħall-bejgħ ta' tipi ta' prodotti inqas sofistikati, dijametri ikbar, volumi akbar ta' tranżazzjonijiet ta' bejgħ, eċċ. u għalhekk il-prezzijiet 'il barra mill-Unjoni setgħu jkunu iktar baxx mill-prezz tal-bejgħ fl-UE.

(130) Il-produtturi esportaturi affermaw ukoll li d-dannu kien awtokaġunat minħabba li l-ilmentatur iffoka dejjem aktar fuq l-attività ta' manifattura Ċiniża fir-RPĊ u parti kbira tal-bejgħ tiegħu f'pajjiżi barra l-UE huma prodotti Ċiniżi, li kkawżat, fost l-oħrajn, użu baxx tal-kapaċità. Il-Kummissjoni ma aċċettatx din l-affermazzjoni. Kif innotat hawn fuq, il-bejgħ tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni żdied b'mod konsiderevoli bi 30 %, ħaġa li pprevjeniet il-waqgħa fil-produzzjoni u d-deterjorament ta' diversi indikaturi oħra tad-dannu.

(131) Il-produtturi esportaturi u Tata affermaw li d-dannu kien minħabba l-kapaċità żejda strutturali. Madankollu, il-fatt li l-industrija tal-Unjoni kellha rata baxxa ta' użu tal-kapaċità matul il-perjodu kunsidrat ma jfissirx neċessarjament li hija ssofri minn kapaċità żejda strutturali u/jew ineffiċjenzi ta' tali kobor li jiġġustifikaw aġġustament 'l isfel tal-prezz mhux dannuż. Hija tfakkar li minkejja l-użu baxx tal-kapaċità fl-2011, li saħansitra kien aktar baxx mir-rata stabbilita matul il-perjodu ta' investigazzjoni, l-industrija tal-Unjoni kellha profittabbilta akbar. Għaldaqstant, din l-affermazzjoni ma ntlaqatx.

(132) Jindal affermat li l-SG&A tal-industrija tal-Unjoni rduppjaw matul il-perjodu kunsidrat u dan kien fattur li jikkawża dannu li kisser ir-rabta kawżali. Madankollu, billi nstab li l-ispejjeż SG&A żdiedu biss bi ftit matul il-perjodu kunsidrat dan l-argument ġie miċħud.

(133) Il-produtturi esportaturi u Tata sostnew li żieda fl-investimenti hija indikazzjoni ċara ta' sitwazzjoni li hija aħjar u li d-dannu mhux qed jiġi kkawżat miż-żieda fl-importazzjonijiet Indjani. Il-Kummissjoni ma qablitx. L-ewwel nett, anki l-volum akbar ta' investimenti EUR 22 miljun — 24 miljun kien relattivament baxx meta mqabbel mat-total tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni li qabeż EUR 400 miljun. Barra minn hekk, kif innotat fil-premessa (117) kien hemm il-ħsara ta' mikser kbir tal-ħadid likwidu ta' wieħed mill-produtturi tal-Unjoni. Is-sostituzzjoni tal-mikser ħtieġet livell għoli ta' nfiq fl-assi fissi matul il-PI.

(134) ECL qieset li tnaqqis fil-profittabbilta huwa l-effett tal-ħsara f'dan il-mikser. Irid jiġi nnutat li diġà fl-istadju proviżorju kien sar sett ta' kalkoli biex jiġi iżolat l-impatt tal-ħsara tal-mikser fuq il-profittabbiltà u għalhekk din it-talba hija rifjutata.

(135) Jindal affermat ukoll li firxa akbar bejn il-prezz tal-bejgħ ta' unità u l-kost tal-produzzjoni matul il-PI tindika nuqqas ta' kawżalità bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping u d-dannu. Kif spjegat fil-premessa (108) hawn fuq, il-prezz tal-bejgħ ta' unità u l-kost tal-produzzjoni ta' unità mhumiex stabbiliti fuq l-istess bażi u għalhekk mhemmx korrelazzjoni diretta bejn dawn iż-żewġ indikaturi. Fi kwalunkwe każ, iż-żieda fil-prezz fuq il-kost tal-produzzjoni fl-PI ma kinitx biżżejjed biex tirrestawra l-profittabbilta fil-mira tal-Industrija tal-Unjoni.

(136) L-istess produttur esportatur ikkunsidra li minħabba li l-prezzijiet tal-importazzjoni kienu f'livell simili fl-2011 u fil-PI (skont id-dejta tal-COMEXT), jista' jingħad li hemm koinċidenza fiż-żmien bejn it-twaqqigħ fil-prezzijiet/prezzijiet sostanzjalment aktar baxxi u prestazzjoni tajba tal-industrija tal-Unjoni fl-2011. Din l-ipoteżi hija bbażata b'mod ċar fuq premessi li l-Kummissjoni ma taqbilx magħhom. Is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni ma kinitx b'saħħitha fl-2011 peress li anki l-profittabbiltà tagħha kienet taħt il-profitt fil-mira ta' 5 %.

(137) Kieku ma kienx hemm twaqqigħ fil-prezz sinifikanti tal-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni minn importazzjonijiet oġġett ta' dumping Indjani, li serva biex iwaqqa' l-prezzijiet fi grad sinifikanti jew li impedixxa żidiet fil-prezz li kieku kienu jseħħu, il-volumi tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni kienu jiżdiedu, l-użu tal-kapaċità kien jitjieb u l-livelli tal-profitabbiltà kienu jiżdiedu aktar. Il-Kummissjoni għalhekk tikkonkludi li d-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni kien ikkawżat mill-importazzjonijiet Indjani oġġett ta' dumping li żammew il-prezzijiet milli jiżdiedu, ħaġa li kienet tippermetti lill-industrija tal-Unjoni biex terġa' lura għal profittabilità sostenibbli. Din ir-rabta kawżali ma nkisritx minn fatturi oħra, bħalma huma l-kriżi finanzjarja, il-bejgħ tal-esportazzjoni tal-Unjoni, l-użu tal-kapaċità baxx, eċċ. kif spjegat fil-premessi preċedenti.

(138) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment ieħor dwar il-kawżalità, il-konklużjonijiet fil-premessa (109) tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati.

## 5. **INTERESS TAL-UNJONI**

(139) Iż-żewġ produtturi esportaturi sostnew li ma jkunx fl-interess tal-Unjoni li jiġu imposti miżuri antidumping kontra l-Indja minħabba l-pożizzjoni dominanti tal-ilmetatur fis-suq tal-Unjoni, filwaqt li jitqies ukoll li l-ilmentatur jipproduċi l-prodott konċernat fiċ-Ċina, li huwa faċilment jista' jimporta fl-Unjoni jekk jiġu imposti miżuri kontra l-Indja u b'hekk tkompli tiżdied il-pożizzjoni dominanti tiegħu.

(140) L-investigazzjoni wriet li l-importazzjonijiet fl-Unjoni mill-faċilitajiet Ċiniżi relatati mal-ilmentatur kienu insinifikanti matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda indikazzjoni li fil-ġejjieni l-ilmentatur se juża dawn il-faċilitajiet ta' produzzjoni Ċiniżi biex jissostitwixxu l-importazzjonijiet Indjani jekk jiġu imposti miżuri.

(141) Barra minn hekk, kif indikat fir-Regolament proviżorju, il-Kummissjoni bagħtet talba għal informazzjoni supplimentari biex tanalizza aktar fid-dettall l-effett possibbli li l-impożizzjoni ta' miżuri tista' jkollha fuq il-kompetizzjoni. Il-Kummissjoni rċeviet madwar 50 risposta, l-aktar mid-distributuri tal-UE tal-prodott konċernat, il-kumpaniji tal-kostruzzjoni u diversi kumpaniji tal-ilma, li l-identità tagħhom tinsab fil-fajl il-miftuħ.

(142) Kważi l-utenti kollha li rrispondew għal din it-talba għal informazzjoni supplimentari kienu mħassba dwar is-sehem mis-suq għoli ħafna tal-ilmentatur u esprimew l-apprensjoni tagħhom li wara l-impożizzjoni ta' dazji

l-kompetituri prinċipali tiegħu, jiġifieri l-kumpaniji Indjani, ikunu sfurzati joħorġu mis-suq tal-Unjoni u jħallu lill-ilmentatur bħala attur dominanti. Xi distributuri allegaw ukoll li SG PAM kienet irrifjutat li tinnegozja magħhom jew offritilhom kundizzjonijiet inqas vantaġġużi minn meta bdew jikkooperaw mal-produtturi esportaturi. Utent minnhom ipprovda żewġ kwotazzjonijiet tal-prezz li fil-fehma tiegħu juru li SG PAM kienet żiedet il-prezzijiet tagħha b'madwar 25 % f'Diċembru 2015. Xi utenti allegaw ukoll li SG PAM kienet użat il-pożizzjoni b'saħħitha tagħha biex timmanipula offerti favur il-prodotti tagħhom.

(143) Filwaqt li huwa minnu li r-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE jimponu standards aktar stretti dwar l-imġiba ta' kumpanija li għandha sehem sinifikanti mis-suq, fl-aħħar mill-aħħar huwa f'idejn l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni biex jiddeterminaw jekk teżistix pożizzjoni dominanti u jekk hux qed tiġi abbużata. L-awtoritajiet tal-kompetizzjoni jibdew billi l-ewwel jeżaminaw il-prodott rilevanti u s-suq ġeografiku. Pereżempju fil-każ tal-pajpijiet tad-dranaġġ HDPE u MDPE, ma kienx eskluż li dawn jikkompetu mal-pajpijiet tal-ħadid duttili u mal-pajpijiet tal-azzar, għalkemm finalment id-definizzjoni tas-suq tal-prodott tħalliet miftuħa ([13]). F'dan il-każ, il-Kummissjoni ma kinitx f'pożizzjoni li tiddefinixxi s-suq rilevanti ġeografiku u tal-prodott għax quddiemha ma tressaq l-ebda ilment formali dwar il-kompetizzjoni.

(144) Ftehimiet ta' distribuzzjoni esklużiva li joffru kundizzjonijiet aktar vantaġġjużi jew anke restrizzjonijiet vertikali aktar stretti fid-distribuzzjoni ta' oġġetti mhumiex illegali *per se* ([14]) u fl-aħħar mill-aħħar hija r-responsabbiltà tal-awtorità tal-kompetizzjoni biex twettaq valutazzjoni dwar jekk dawn ir-restrizzjonijiet humiex antikompetittivi jew saħansitra abbużivi. Fir-rigward tal-kwotazzjonijiet tal-prezz li allegatament jindikaw żidiet fil-prezz minn SG PAM, il-Kummissjoni sabitha diffiċli biex titqabbel mingħajr l-ebda investigazzjoni aktar fil-fond dwar l-offerti u ċ-ċirkostanzi preċiżi involuti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni rċeviet biss evidenza waħda ta' allegazzjoni ta' żidiet fil-prezz, li fiha nfisha ma tistax turi li dawn kienu mifruxin.

(145) Fil-proċedimenti antidumping, il-Kummissjoni teżamina t-tħassib dwar il-kompetizzjoni biex tistabbilixxi jekk, fuq kollox, ikunx b'mod ċar kontra l-interess tal-Unjoni li timponi miżuri antidumping. Din l-analiżi ma tistax tinkludi valutazzjoni tal-kompetizzjoni fis-sens legali strett, ħaġa li tista' ssir biss minn awtorità tal-kompetizzjoni kompetenti. Fi kwalunkwe każ, ma ġiet ipprovduta l-ebda evidenza robusta li tissuġġerixxi li l-ilmentatur ikun involut f'imġiba antikompetittiva jekk jiġu imposti miżuri antidumping minbarra l-fatt li huwa diġà għandu pożizzjoni b'saħħitha fis-suq. Ma ngħatat l-ebda deċiżjoni minn xi awtorità tal-kompetizzjoni fejn l-ilmentatur instab li involva ruħu f'imġiba antikompetittiva għall-prodott konċernat. Ma ngħatat l-ebda sentenza tal-qorti fejn l-ilmentatur instab li mmanipula xi offerti.

(146) Wieħed ifakkar li l-għan li jiġu imposti miżuri antidumping huwa li jiġu restawrati kundizzjonijiet indaqs fejn il-produtturi tal-Unjoni u l-produtturi ta' pajjiżi terzi jikkompetu b'kundizzjonijiet ġusti u mhux li l-produtturi esportaturi jiġu mġiegħla 'l barra mis-suq. Għaldaqstant, skont ir-regoli tal-Unjoni, dazji jiġu stabbiliti biss f'livell li xorta waħda jippermetti lill-esportaturi Indjani jkomplu jikkompetu mal-produtturi tal-Unjoni, iżda bi prezzijiet ġusti. Fil-fatt, il-miżuri antidumping u kompensatorji flimkien jiġu stabbiliti fil-livell ta' dumping u sussidjar taħt il-livell tat-twaqqigħ tal-prezz.

(147) Barra minn hekk, hemm diversi produtturi li jinsabu f'pajjiżi terzi (iċ-Ċina, it-Turkija, ir-Russja u l-Iżvizzera) li diġà qed ibigħu lis-suq tal-UE. Il-volumi tal-bejgħ tagħhom matul il-perjodu kkunsidrat kienu baxxi u komplew jonqsu. Madankollu, waħda mill-kawżi ta' dan it-tnaqqis fil-bejgħ ta' importaturi oħrajn tidher li kienet l-ipprezzar aggressiv mill-produtturi Indjani peress li dawn il-prezzijiet kienu inqas sew mill-prezzijiet tal-pajjiżi importaturi ewlenin l-oħra kollha (minbarra r-Russja).

(148) L-utenti kkonfermaw li f'każ li l-industrija tal-Unjoni żżid il-prezzijiet b'mod unilaterali, l-importazzjonijiet minn pajjiżi oħra jistgħu jiżdiedu fuq perjodu medju, ladarba dawn l-esportaturi minn pajjiżi terzi jkunu rċevew iċ-ċertifikazzjoni addizzjonali meħtieġa mill-Istati Membri.

(149) Għalhekk il-Kummissjoni kienet sodisfatta li fl-evalwazzjoni u l-ibbilanċjar tal-interessi, il-protezzjoni tal-industrija tal-Unjoni kontra dumping dannuż trid tingħata prijorità fuq l-interessi tal-utenti biex jiġu evitati effetti negattivi potenzjali fuq il-kompetizzjoni fis-suq tal-Unjoni. Filwaqt li hemm biża' li d-dazji antidumping jistgħu jsaħħu l-pożizzjoni diġà b'saħħitha tal-produttur ewlieni fl-Unjoni, għadd ta' fatturi mitiganti, bħal kompetizzjoni kontinwa mill-Indjana, esportaturi oħra u ta' prodotti alternattivi, jiżguraw li tinżamm pressjoni kompetittiva suffiċjenti fuq l-industrija tal-Unjoni sabiex jiġu evitati effetti potenzjalment negattivi fuq il-kompetizzjoni fis-suq tal-Unjoni. Fl-aħħar nett irid jerġa' jingħad li l-Kummissjoni hija lesta timmonitorja l-effett tal-miżuri tagħha fuq il-kompetizzjoni fis-suq tal-Unjoni.

([13]) Il-Kawża M.565, Solvay/Winerberger, para 19, imsemmija f'kawżi oħra M.2294 EtexGroup/Glynwed PipeSystems, para 8.
([14]) Il-Linji Gwida tal-Kummissjoni dwar ir-Restrizzjonijiet Vertikali (2010/C-130/01).

(150) Is-sejba tal-premessa (121) tar-Regolament proviżorju hija għalhekk ikkonfermata.

## 6. MIŻURI ANTIDUMPING DEFINITTIVI

### 6.1. Livell ta' eliminazzjoni tad-dannu

(151) Wara d-divulgazzjoni proviżorja Jindal affermat li minflok ma l-SG&A u l-profitt jingħaddu mal-kost tal-produzzjoni biex jiġi stabbilit prezz mhux dannuż għall-industrija tal-Unjoni, il-prezz mhux dannuż għandu jiġi aġġustat 'l isfel minħabba l-kapaċità żejda strutturali u l-ineffiċjenzi tal-industrija tal-Unjoni. Il-Kummissjoni ma tqisx li kien hemm kapaċità żejda strutturali kif imsemmi fil-premessa (131) u għalhekk ma laqgħetx din l-affermazzjoni.

(152) Wara d-divulgazzjoni proviżorja ż-żewġ produtturi esportaturi affermaw li l-metodoloġija użata għall-kalkolu tal-livell tal-eliminazzjoni tad-dannu kienet żbaljata peress li l-paragun tal-prezzijiet tal-bejgħ tal-Unjoni mhuwiex ibbażat fuq il-prezz reali debitat lill-ewwel konsumatur indipendenti fl-Unjoni iżda fuq il-prezz tal-esportazzjoni maħdum li huwa artifiċjalment baxx. Il-marġnijiet tad-dannu huma għalhekk għoljin b'mod artifiċjali. Din l-affermazzjoni kienet imtennija wara d-divulgazzjoni finali.

(153) L-iskop tal-kalkolu ta' marġini tad-dannu huwa li jiddetermina jekk l-applikazzjoni għall-prezz tal-esportazzjoni tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping ta' rata ta' dazju iktar baxxa minn dik ibbażata fuq il-marġni tad-dumping tkunx biżżejjed biex jitneħħa d-dannu kkawżat mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping. Din il-valutazzjoni hija bbażata fuq il-prezz tal-esportazzjoni fil-livell tal-fruntiera tal-Unjoni, li hu meqjus bħala livell komparabbli mal-prezz mill-fabbrika tal-industrija tal-Unjoni. Fil-każ ta' bejgħ ta' esportazzjoni permezz ta' importaturi relatati, b'analoġija mal-approċċ segwit għall-kalkoli tal-marġni tad-dumping, il-prezz tal-esportazzjoni hu maħdum fuq il-bażi tal-prezz tal-bejgħ mill-ġdid lill-ewwel konsumatur indipendenti aġġustat kif xieraq skont l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku. Peress li l-prezz tal-esportazzjoni huwa element indispensabbli għall-kalkolu tal-marġni tad-dannu u peress li dan l-Artikolu huwa l-uniku Artikolu fir-Regolament bażiku li jagħti gwida dwar kif jinħadem il-prezz tal-esportazzjoni, l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu b'analoġija hija ġġustifikata. L-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku jipprovdi wkoll il-bażi għat-tnaqqis tal-ispejjeż tal-ipproċessar, jekk xieraq, kif ukoll għall-ispejjeż kollha mġarrba bejn l-importazzjoni u l-bejgħ mill-ġdid li għandhom isiru. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tqis li l-metodoloġija applikata tipprovdi bażi preċiża biex jitqabblu l-prezzijiet u b'hekk jiġi stabbilit il-livell tal-eliminazzjoni tad-dannu.

(154) Għaldaqstant, din l-affermazzjoni hija miċħuda u l-metodoloġija għad-determinazzjoni tal-livell tal-eliminazzjoni tad-danni, kif stabbiliti fil-premessi (123) — (127) tar-Regolament proviżorju, hija kkonfermata.

### 6.2. Miżuri definittivi

(155) Fid-dawl tal-konklużjonijiet li saru fir-rigward tad-dumping, id-dannu, il-kawżalità u l-interess tal-Unjoni, u f'konformità mal-Artikolu 9(4) tar-Regolament bażiku, għandhom jiġu imposti miżuri antidumping definittivi fuq l-importazzjonijiet tal-prodott konċernat fil-livell tal-marġnijiet tad-dumping, f'konformità mar-regola tad-dazju l-aktar baxx. F'dan il-każ, ir-rata tad-dazju għandha skont dan tiġi stabbilita fil-livell tal-marġnijiet tad-dumping li nstabu.

(156) Wara d-divulgazzjoni tal-konklużjonijiet finali, l-industrija tal-Unjoni talbet l-impożizzjoni ta' miżuri fil-forma ta' dazji speċifiċi minflok dazji *ad valorem*. Wieħed ifakkar li d-dazji *ad valorem* kienu imposti fl-istadju proviżorju. Fil-fatt, id-dazji *ad valorem* huma normalment il-forma preferuta ta' miżuri għax jagħmlu l-miżuri aktar effettivi f'każ ta' ċaqliq fil-prezzijiet tal-esportazzjoni. L-industrija tal-Unjoni talbet l-impożizzjoni ta' miżuri fil-forma ta' dazji speċifiċi għal tliet raġunijiet ewlenin:

— Il-prezzijiet tal-esportazzjoni Indjani ta' pajpijiet tal-ħadid duttili kienu qed isegwu xejra ta' tnaqqis, li ġiet aggravata mill-impożizzjoni tad-dazji antidumping proviżorji;

— Prattiċi ta' assobiment mill-produtturi esportaturi Indjani kienu diġà bdew minn meta ġew imposti l-miżuri antidumping proviżorji u f'dan il-każ huwa ferm probabbli li hemm arranġamenti bejn kumpaniji relatati.

— Il-prezzijiet tal-pajpijiet tal-ħadid duttili jista' jvarja skont iċ-ċaqliq fil-prezz tal-materja prima.

(157) Fir-rigward tal-ewwel raġuni tal-industrija hawn fuq, kwalunkwe tnaqqis fil-prezzijiet tal-esportazzjoni Indjani wara l-perjodu tal-investigazzjoni li wassal għal żieda fid-dumping jiġi indirizzat b'mod aktar xieraq fil-kuntest ta' rieżami interim skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku. Fir-rigward tat-tieni raġuni, li hija b'xi mod marbuta mal-ewwel raġuni, hemm dispożizzjoni speċifika fir-Regolament bażiku biex tindirizza l-prattiċi tal-assorbiment. Ta' min jinnota li d-dispożizzjoni tal-assorbiment (l-Artikolu 12 tar-Regolament bażiku) tistipula li l-bidliet fil-valur normali jistgħu jiġu rieżaminati, ħaġa li b'mod impliċitu tirrikonoxxi li t-tnaqqis fil-prezzijiet tal-esportazzjoni jistgħu potenzjalment jiġu kkawżati minn bidliet fl-ispejjeż li jwasslu għal tnaqqis sussegwenti fil-valur normali u għaldaqstant fil-livell tad-dumping. Fl-aħħar nett, fir-rigward tat-tielet punt, l-industrija nnifisha rrikonoxxiet li l-prezzijiet tal-materja prima ewlenija għall-produzzjoni tal-pajpijiet duttili, il-minerali tal-ħadid, naqsu mill-2014. Dan se jkollu impatt fuq il-valur normali kif ukoll fuq il-prezz tal-esportazzjoni b'effett konsegwenzjali fuq il-livell tad-dumping. Fil-fatt, il-waqgħa fil-prezzijiet minerali tal-ħadid x'aktarx tkun fattur fit-tnaqqis tal-prezzijiet tal-pajpijiet duttili minn tmiem il-perjodu tal-investigazzjoni. Il-fatt li l-prezzijiet tal-pajpijiet tal-ħadid duttili jistgħu jvarjaw skont iċ-ċaqliq fil-prezzijiet tal-materja prima mhix raġuni biex ikun impost dazju fiss minflok dazju *ad valorem*.

(158) Għar-raġunijiet kollha ta' hawn fuq, huwa kkunsidrat li dazju fiss, li jkun ta' piż eċċessiv fuq l-importaturi f'sitwazzjonijiet fejn il-prezzijiet tal-esportazzjoni kienu qed jonqsu f'konformità mal-prezzijiet tal-materja prima, mhuwiex ġustifikat. Barra minn hekk, dazji fissi huma aktar xierqa għal prodotti omoġenji, u mhux għal prodotti bħal f'dan il-każ, li jiġi f'varjetà ta' tipi ta' prodott.

(159) Saret investigazzjoni antisussidji b'mod parallel mal-investigazzjoni antidumping. Fid-dawl tal-użu tar-regola tad-dazju l-aktar baxx u l-fatt li l-marġinijiet tas-sussidju definittivi huma inqas mil-livell tal-eliminazzjoni tad-dannu, il-Kummissjoni għandha timponi d-dazju kumpensatorju definittiv fil-livell tal-marġinijiet tas-sussidju definittiv stabbilit u mbagħad timponi dazju antidumping definittiv sal-livell rilevanti għall-eliminazzjoni tad-dannu.

(160) Fir-rigward tal-miżuri antidumping, biex jiġi evitat għadd doppju, il-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni l-fatt li tliet skemi ta' sussidju huma sussidji fuq l-esportazzjoni li effettivament inaqqsu l-prezzijiet tal-esportazzjoni, u għalhekk iżidu l-marġinijiet tad-dumping. Għaldaqstant, il-Kummissjoni naqqset il-marġini tad-dumping bl-ammonti tas-sussidju li nstabu fir-rigward tal-iskemi tal-esportazzjoni kontinġenti fl-investigazzjoni antisussidji parallela. Fuq il-bażi ta' hawn fuq, ir-rata li biha se jiġu imposti dawn id-dazji hija stabbilita kif ġej:

| Isem il-kumpanija | Marġni ta' sussidju | Marġini tad-dumping | Livell ta' eliminazzjoni tad-dannu | Dazju kumpensatorju | Dazju antidumping | Dazji totali |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Jindal Saw Ltd | 8,7 % | 19,0 % | 48,8 % | 8,7 % | 14,1 % | 22,8 % |
| Electrosteel Castings Ltd | 9,0 % | 4,1 % | 54,6 % | 9,0 % | 0 % | 9,0 % |
| Kumpaniji l-oħra kollha | | | | 9,0 % | 14,1 % | 23,1 % |

(161) Ir-rati tad-dazju antidumping għal kumpaniji individwali speċifikati f'dan ir-Regolament ġew stabbiliti fuq il-bażi tal-konklużjonijiet ta' din l-investigazzjoni. Għaldaqstant, dawn jirriflettu l-qagħda li nstabet matul din l-investigazzjoni fir-rigward ta' dawn il-kumpaniji. Dawn ir-rati tad-dazju (kuntrarju għad-dazju għall-pajjiż kollu applikabbli għall-'kumpaniji l-oħra kollha') huma b'hekk esklussivament applikabbli għall-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġina mill-pajjiżi kkonċernati u mmanifatturat mill-kumpaniji u għalhekk mill-entitajiet legali speċifiċi msemmija. Il-prodotti importati magħmulin minn kumpanija oħra li isimha mhuwiex speċifikament imsemmi fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament, inklużi l-entitajiet relatati ma' dawk imsemmija b'mod speċifiku, ma għandhomx jibbenefikaw minn dawn ir-rati u għandhom ikunu soġġetti għar-rata tad-dazju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha".

(162) Kull talba għall-applikazzjoni ta' dawn ir-rati tad-dazju antidumping ta' kumpanija individwali (pereżempju wara bidla fl-isem tal-entità jew wara t-twaqqif ta' entitajiet ġodda tal-produzzjoni jew tal-bejgħ) għandha tiġi indirizzata lill-Kummissjoni ([15]) bl-informazzjoni relevanti kollha, b'mod partikolari kull bidla fl-attivitajiet tal-kumpanija marbutin mal-produzzjoni, mal-bejgħ domestiku u tal-esportazzjonijiet assoċjat, pereżempju, ma' dik il-bidla fl-isem jew dik il-bidla fl-entitajiet tal-produzzjoni jew tal-bejgħ. Jekk ikun xieraq, dan ir-Regolament għandu jiġi emendat kif xieraq billi tiġi aġġornata l-lista ta' kumpaniji li jibbenifikaw minn rati tad-dazju individwali.

([15]) European Commission, Directorate-General for Trade, Directorate H, 1049 Bruxelles/Brussel, Belgique/België.

(163) Sabiex jitnaqqsu r-riskji ta' ċirkumvenzjoni, qed jitqies li jinħtieġu miżuri speċjali f'dan il-każ sabiex jiżguraw l-applikazzjoni xierqa tal-miżuri antidumping. Dawn il-miżuri speċjali jinkludu dan li ġej: il-preżentazzjoni lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri ta' fattura kummerċjali valida li għandha tkun konformi mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament. L-importazzjonijiet li ma jkunux akkumpanjati minn din il-fattura għandhom ikunu soġġetti għar-rata tad-dazju applikabbli għall-kumpaniji l-oħrajn kollha.

### 6.3. **Ġbir definittiv tad-dazji proviżorji**

(164) Fid-dawl tal-marġnijiet ta' dumping li nstabu u minħabba l-livell ta' dannu kkważat lill-industrija tal-Unjoni, l-ammonti garantiti permezz tad-dazju antidumping proviżorju impost bir-Regolament proviżorju għandhom jinġabru b'mod definit. L-ammonti garantiti li jaqbżu r-rati definittivi kombinati tad-dazji antidumping u kumpensatorji għandhom jiġu rilaxxati.

### 6.4. **Infurzabbiltà tal-miżuri**

(165) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, l-ilmentatur afferma li wieħed mill-produtturi esportaturi beda jassorbi d-dazji proviżorji imposti billi jirrifjuta li jżid il-prezzijiet tiegħu. Din l-affermazzjoni ma tistax tiġi vverifikata fil-qafas ta' din l-investigazzjoni. Jekk titressaq talba separata kontra l-assorbiment, ikun jista' jinbeda rieżami skont l-Artikolu 12(1) tar-Regolament jekk tkun ipprovduta evidenza *prima facie*.

(166) Il-Kumitat stabbilit mill-Artikolu 15(1) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 ma tax opinjoni,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Dazju antidumping definittiv huwa hawnhekk impost fuq l-importazzjonijiet ta' tubi u pajpijiet tal-ħadid fondut duttili (magħruf ukoll bħala grafit ta' ħadid fondut sferojdali), bl-esklussjoni ta' tubi u pajpijiet tal-ħadid fondut duttili mingħajr kisi minn ġewwa u minn barra ("pajpijiet mhux miskijin"), li attwalment jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 7303 00 10 u ex 7303 00 90 (kodiċijiet TARIC 7303 00 10 10, 7303 00 90 10), li joriġinaw mill-Indja.

2. Ir-rata tad-dazju tal-antidumping definittiv applikabbli għall-prezz nett, ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodott deskritti fil-paragrafu 1 u manifatturat mill-kumpanniji elenkati hawn taħt għandha tkun din li ġejja:

| Kumpanija | Dazju antidumping definittiv | Kodiċi TARIC addizzjonali |
|---|---|---|
| Electrosteel Castings Ltd | 0 % | C055 |
| Jindal Saw Limited | 14,1 % | C054 |
| Kumpaniji l-oħra kollha | 14,1 % | C999 |

3. L-applikazzjoni tar-rati individwali tad-dazju antidumping speċifikati għall-kumpaniji msemmija fil-paragrafu 2 isseħħ bil-kundizzjoni li tkun ippreżentata fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li fiha jidhru dikjarazzjoni ddatata u ffirmata minn uffiċjal tal-entità li toħroġ din il-fattura, identifikat minn ismu/isimha u l-funzjoni, abbozzata kif ġej: "Jiena, hawn taħt iffirmat, niċċertifika li l-(volum) ta' tubi u pajpijiet ta' ħadid fondut duttili (magħruf ukoll bħala grafit ta' ħadid fondut sferojdali) mibjugħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea kopert minn din il-fattura, kien immanifatturat minn (l-isem u l-indirizz tal-kumpanija) (il-kodiċi TARIC addizzjonali) fl-Indja. Jiena niddikjara li t-tagħrif mogħti f'din il-fattura huwa sħiħ u korrett." Jekk ma tkunx ippreżentata fattura bħal din, tapplika r-rata tad-dazju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha".

4. Sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

*Artikolu 2*

L-ammonti ggarantiti bħala dazji antidumping proviżorji skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1559 għandhom jinġabru b'mod definittiv. L-ammonti ggarantiti li jaqbżu r-rati kombinati tad-dazji antidumping li jinsabu fl-Artikolu 1(2) hawn fuq u tad-dazji kumpensatorji adottati permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/387 ([16]) għandhom jiġu rilaxxati.

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Marzu 2016.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

([16]) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 5.